- *DUE PROCESS OF LAW –*
- *ARTIKOLU 6 TAL-KOSTITUZZJONI –*
- *LEGITTIMU KONTRADITTUR –*
- *ARTIKOLU 181 B TAL- KAP 12 –*
- *EZAWRIMENT TAR-RIMEDJI; PROVISO ART. 46(2) TAL-KAP 1 –*
- *ESTRADIZZJONI; KAP 276 –*
- *BONA FEDE; ART. 20 (c) KAP 276 –*
- *PRIMA FACIE –*
- *REASONED JUDGEMENT –*
- *MOTIVAZZJONI TA' SENTENZA –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002

**Kawza Numru: 1**
**Rikors Kostituzzjonali Numru: 22/01/RCP**

**Raymond Gauci**

**vs**

**Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb), il-Kummissarju tal-Pulizija, l-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u Gvern Lokali u l-Avukat Generali.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI**

Rat ir-rikors ta' Raymond Gauci datat 3 ta' Ottubru 2001 a fol. 1 sa 7 fejn gie premess:

1. Illi fis-seduta ta' nhar il-25 ta' Settembru 2001, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill-Onor. Imhallef Patrick Vella, tat sentenza fil-kaz fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb) vs Raymond Gauci, Anthony Bartolo"** (App. Nru. 110/2001), li permezz taghha ordnat li l-esponent u Anthony Bartolo jintbaghtu biex jitpoggew taht kustodja ghall-fini tat-treggiegh lura taghhom lejn l-Italja limitatament in relazzjoni ghall-akkuza maghmula mill-Awtoritajiet Taljani fil-konfront ta' l-esponent u ta' Anthony Bartolo ta' komplicità kontinwata fid-dhul illegali ta' klandestini f'Donnalucata, Ragusa, fit-12 ta' Settembru 2000 u f'Marina di Ragusa fis-17 ta' Dicembru 2000, *ai termini* ta' l-Artikoli 110 u 12 tad-Decreto Legge No. 286 tal-25 ta' Lulju 1998;

2. Illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali tat tali sentenza wara li:

i) Rat il-mandat ta' arrest provvizorju mahrug mill-Onor. Magistrat Giovanni Grixti in forza ta' l-**artiklu 14 (1) (b) tal-Kap. 276** fis-16 t'April 2001 fil-konfront ta' l-esponent u ta' Anthony Bartolo; ir-rapport ta' l-10 t'April 2001 ta' l-Ufficjal tal-Pulizija, Spettur Sandro Zarb, li permezz tieghu pprezenta taht arrest lill-esponent u lil Anthony Bartolo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Rimandanti; u l-Awtorità ghall-Procediment relattiva mahruga mill-Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u l-Gvern Lokali taht l-**artikolu 13 Kap 276**;

ii) Rat il-Mandat t'Arrest mahrug mill-Qorti ta' Ragusa datat 3 ta' Frar 2001, koncernanti allegata *associazione a delinquere* u komplicità fid-dhul illegali ta' klandestini gewwa l-Italja, kif emendat b'digriet ta' l-istess Qorti tas-6 ta' Marzu 2001 dwar l-allegata natura kontinwata tal-komplicità ta' l-esponent u Anthony Bartolo fir-reat fuq imsemmi ta' dhul illegali ta' klandestini gewwa l-Italja;

iii) Rat id-decizjoni tal-Qorti Rimandanti tal-31 ta' Mejju 2001, fejn qalet li r-reati fiz-zewg akkuzi addebitati lill-appellati m'humiex reati estradibbli u ordnat ir-rilaxx ta' l-istess appellati fuq il-bazi li l-*associazione a delinquere* f'kazijiet ta' dhul illegali ta' klandestini m'ghandha l-ebda korrispettiv fis-sistema legali Maltija, u li r-reat ta' dhul illegali ta' klandestini f'Malta jgorr piena massima ta' sitt

xhur prigunerija, bil-konsegwenza li m'huwiex reat kopert mill-**Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni** ***ai termini*** **ta' l-Artikolu 2 ta' l-imsemmi Konvenzjoni**;

iv) Rat ir-rikors t'Appell ta' l-Avukat Generali datat 4 ta' Gunju 2001, li permezz tieghu talab li tali sentenza tigi revokata u mhassra, u li fiha l-istess Avukat Generali lmenta li effettivament il-komplicità fid-dhul illegali ta' klandestini huwa, ghall-finijiet ta' estradizzjoni, simili ghar-reat ta' *associazione a delinquere,* u li r-reat tad-dhul illegali ta' klandestini huwa reat estradibbli, billi **il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni** ma tiffurmax parti mill-ligi Maltija, u li fi kwalunkwe kaz, bhala reat kontinwat, igorr mieghu piena karcerarja massima li teccedi tnax-il xahar, tezijiet ii kienu gew ezaminati u skartati mill-ewwel Qorti Rimandanti;

v) Ikkunsidrat dwar l-ewwel aggravju ta' l-Avukat Generali illi effettivament il-ligi Maltija tiddistingwi bejn ir-reat ta' kospirazzjoni, li jista' jkun simili ghar-reat ta' *associazione a delinquere,* u l-estremi tal-komplicità u rrespingiet tali aggravju;

vi) Ikkunsidrat dwar it-tieni aggravju ta' l-Avukat Generali illi dan kellu jigi sostnut u konsegwentement irriformat is-sentenza appellata wara li qieset:

(a) Illi materji ta' estradizzjoni bejn Malta u l-Italja huma kkontrollati mill-**Konvenzjoni Ewropea dwar l-**

**Estradizzjoni**, u li ghaldaqstant kien hemm il-htiega li biex reat ikun punibbli b'piena karcerarja massima ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

(b) Illi madanakollu n-natura kontinwata tar-reat li huma akkuzati bih l-esponent u Anthony Bartolo ma titqiesx bhala cirkostanza aggravanti, u li tali fattur ghandu ghalhekk jitqies ghall-fini tal-kompitu tas-sentenza massima mponibbli; illi l-ligi dwar l-estradizzjoni ma tiddistingwix bejn reati kontinwati u mhux kontinwati, li jibqa' dejjem il-fatt illi meta l-garr illegali ta' klandestini ikun kontinwat, dan jigi soggett jew punibbli ghal piena ta' sitt xhur prigunerija mizjuda bi grad jew tnejn, u li ghalhekk il-piena li setghet tinghata f'Malta f'dan il-kaz ta' reat kontinwat taht l-**artikolu 32 Kap. 217** kienet tilhaq il-minimu rikjest ta' sena prigunerija, li huwa l-uniku kriterju applikabbli;

(c) Illi b'riferenza ghas-sottomissjonijiet verbali tad-difensuri ta' l-appellati rigward il-*bona fede* ta' l-akkuzi, ghall-finijiet ta' l-**artikolu 20 (c) Kap. 276**, *"xejn ma huwa accettabli li jsiru allegazzjonijiet infondati w bla bazi da parti ta' dan l-appellat fis-sens li kienet saret xi haga kontrih 'in mala fede'"* u li fi kwalunkwe kaz tali sottomissjoni ma kenitx korretta;

(d) Illi *"mhux il-kompitu tal-Qrati Maltin li jidhlu fil-meritu biex jaraw jekk tali akkuza hix gustifikata jew le, biex jaraw jekk hux minnu li hemm xi reat kontinwat"*, u li fil-fehma tal-Qorti ma kienx daqshekk importanti jekk il-provi kenux

jirreferu ghal incident jew data wahda jew aktar, ladarba l-awtoritajiet Taljani dehrilhom li jakkuzaw lill-esponent u lil Anthony Bartolo b'reat kontinwat u li anke waslu biex isemmu zewg dati specifici fit-tieni akkuza;

(e) Illi b'riferenza ghat-trattazzjoni verbali tad-difensuri ta' l-appellati huwa veru li l-appellati dejjem baqghu fizikament gewwa l-gurisdizzjoni Maltija, izda li l-akkuzi jirreferu ghal komplicità f'reati li twettqu f'gurisdizzjoni Taljana, li ghalhekk ghandha d-dritt titlob l-estradizzjoni *ai termini* tal-**Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni**;

(f) Illi l-fatt li l-Pulizija Maltija hadet id-decizjoni li ma tressaqx lill-esponent u lit Anthony Bartolo hi stess, akkuzati bil-fatti allegati ma jammontax ghal *res judicata,* izda jirreferi sempliciment ghal ezercizzju ta' poter diskrezzjonali; u

(g) Illi *"minn ezami tal-provi kollha li hemm fl-atti, mid-dokumentazzjoni mibghuta mill-awtoritajiet Taljani, mid-deskrizzjoni dettaljata tal-fatti li allegatament graw matul is-sena 2000, mill-istharrig li sar sabiex tigi kontrollata din l-attività illegali ta' dhul ta' klandestini fi Sqallija matul dan il-perjodu, jidher, almenu fuq bazi ta' prima facie***,** *li z-zewg appellati Raymond Gauci u Anthony Bartolo, kienu nvoluti fid-dhul ta' immigranti klandestini fi Sqallija matul iz-zmien imsemmi fid-deskrizzjoni tal-fatti"*, li l-Qorti trid tara *"jekk in bazi tal-provi li hemmx hemmx probabiltà ta' htija"* u li *"Din hi kwistjoni ta' apprezzament tal-provi kollha fl-assjem u*

*totalità taghhom u mhux b'xi mod spezzettat jew limitat biss ghal xi perjodu ta' zmien jew xi okkazjoni partikolari."*

3. Illi l-esponent ihoss illi huwa ma nghatax smiegh xieraq minn Qorti ndipendenti u mparzjali *ai termini* ta' l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea**, kif ukoll illi jkun ingust u oppressiv illi huwa jigi estradit billi l-akkuzi migjuba kontrih ma sarux *in bona fede* fl-interess tal-gustizzja *ai termini* ta' l-**artikolu 20 (c) Kap. 276**, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

**(I). DWAR NUQQAS TA' SMIEGH XIERAQ MINN QORTI INDIPENDENTI U MPARZJALI.**

(A) L-ASTENSJONI TAL-QORTI TA' l-APPELL KRIMINALI MILLI TIKKUNSIDRA D-DIFIZA LEGALI TA' l-ESPONENT.

4. Illi in konnessjoni man-natura kontinwata tar-reat ta' komplicità fid-dhul ta' immigranti klandestini, id-difensuri ta' l-esponent qajmu, sija quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti Rimandanti u sija quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, punt legali kardinali u bazilari: illi qabel ma wiehed jghaddi biex jara jekk hemmx provi *prima facie* tal-fatti allegati, wiehed irid jara jekk tali fatti allegati jistghux jammontaw ghar-reat kontinwat imsemmi. U hawnhekk jispikka b'mod lampanti l-fatt illi, ghalkemm l-esponent huwa akkuzat illi ha sehem f'operazzjoni ta' traffikar ta' immigranti klandestini f'zewg okkazjonijiet, tali fatt ma jgibx

illi z-zewg reati allegatament kommessi jitqiesu bhala reat wiehed kontinwat, jekk mhux f'kaz illi z-zewg reati jigu allegatament *"maghmula b'rizoluzzjoni wahda"* **(artikolu 18, Kap. 9);**

5. Illi l-fatti allegati mill-Awtoritajiet Taljani jikkoncernaw zewg operazzjonijiet involventi zewg gruppi ta' immigranti klandestini ta' identità differenti wahda mill-ohra; is-sottomissjoni tad-difiza kienet fis-sens illi ghalkemm f'cirkostanzi bhal dawk allegati, wiehed seta' jqis ir-reat ta' *associazione a delinquere* bhala wiehed kontinwat, in vista tan-natura ta' tali akkuza, fejn tidhol is-semplici komplicità dan mhux il-kaz. Il-pozizzjoni ta' bniedem akkuzat b'zewg operazzjonijiet bhal dawk in kwistjoni hija l-istess bhal dik ta' bniedem li jaghmel zewg serqiet minn zewg postijiet differenti, jew bhal dawk imsemmija mill-***Prof. Mamo'*** *(Pag. 174-175,* **Lectures in Criminal Law, Vol. 1***, 1965)* tal-*"highway robber"* li joqtol u jisraq lil kull minn jghaddi minn triq partikolari u tal-*"pickpocket"* li jisraq mill-bwiet ta' persuni differenti fl-istess folla; ghalkemm l-ghan ahhari jista' jkun komuni (i.e. l-arrikkiment illegali a skapitu tal-vittma) ir-reati mhumiex maghmula b'rizoluzzjoni wahda, izda b'rizoluzzjoni gdida kull darba, punibbli kull darba bil-massimu tal-piena b'mod separat u distint;

6. Illi mhux talli ma ngiebet l-ebda prova li z-zewg operazzjonijiet allegati saru b'rizoluzzjoni wahda, talli dan lanqas biss ma gie allegat mill-prosekuzzjoni jew ikkunsidrat fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell

Kriminali, li anzi rrifjutat kategorikament u espressament milli tidhol biex tezamina jekk tali rekwizit essenzjali ghall-kontinwita ta' reat kienx prezenti jew le: *"mhux il-kompitu tal-Qrati Maltin li jidhlu fil-meritu biex jaraw jekk tali akkuza hix gustifikata jew le, biex jaraw jekk hux minnu li hemm xi reat kontinwat." (*pag. 14 tas-sentenza tal-25.09.2001) Il-Qorti mbaghad ghaddiet biex tqis illi l-uniku kompitu taghha huwa li tara jekk hemmx prova *prima facie* ta' l-akkuzi mressqa mill-Awtoritajiet Taljani, li huwa minnu, izda jigi sottomess umilment li l-punt legali, mhux fattwali, imqajjem mid-difiza ta' l-esponent baqa' ma giex ikkunsidrat u kien tali li jiddirimi l-kwistjoni kollha ta' l-estradibilità ta' l-esponent;

(B) L-IMPOSSIBILTA' MIN-NAHA TAD-DIFIZA LI TIKKONTROLLA I-PROVI MIGBURA U I-KONKLUZJONZJIET TAL-QORTI.

7. Illi ghalkemm il-grad ta' konvinciment li jrid jasal ghalih il-gudikant f'kaz ta' estradizzjoni huwa dak tal-*prima facie*, ir-regoli bazilari procedurali relattivi ghad-dritt tad-difiza li tikkontrolla l-provi billi tikkontro-ezamina x-xhieda u li taccerta ruhha li qed tigi prodotta l-ahjar prova jibqghu applikabbli. F'dan il-kaz, il-provi kienu fit-totalita` taghhom konsistenti f'*detto del detto,* u fi traskrizzjonijiet mhux awtentikati kif jitlob l-**artikolu 22 (2) (a) Kap. 276** ta' xhieda li ma gewx prodotti f'Malta sabiex jigu kontro-ezaminati mid-difensuri ta' l-esponent. Dan apparti l-fatt illi provi relattivi ghall-allegat involviment ta' l-esponent fl-ewwel operazzjoni tat-12 ta' Settembru 2000 huma totalment

inezistenti, bir-rizultati li dan jikkomporta ghall-kontinwita` tar-reati allegati;

8. Illi fit-tieni lok, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali naqset milli taghti gudizzju ragonat *(reasoned judgment)* u spjegazzjoni tal-kriterji li wassluha biex tikkonkludi favur il-*prima facie*; jigi sottomess illi tali spjegazzjoni hija essenzjali sabiex l-esponent fi kwalsiasi proceduri jkun f'pozizzjoni li jikkontrolla jekk irceviex smiegh xieraq;

(C) NUQQAS TA' MPARZJALITÀ TAL-QORTI FID-DETERMINAZZJONI TAL-BONA FIDES TA' L-AWTORITAJIET IKKONCERNATI.

9. Illi kif riportat fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (ghalkemm is-sentenza tirreferi biss ghad-difiza ta' Anthony Bartolo), id-difensuri ta' l-esponent issottomettew, a bazi ta' l-**artikolu 20 (c) Kap.276**, kif kellhom kull drill illi jaghmlu, illi l-akkuzi migjuba kontra l-esponent ma kenux saru *in bona fede* fl-interess tal-gustizzja; tali sottomissjoni saret ghal ragunijet li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni in relazzjoni mal-Kap (II) aktar 'l isfel, li ghalih ssir riferenza;

10. Illi dwar tali sottomissjoni, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali kkunsidrat li:

*"Issa, apparti li xein ma hu accettabbli li isiru allegazzjonijiet infondati u bla bazi da parti ta' dan l-*

*appellat fis-sens li kienet saret xi haga kontrih 'in mala fede', il-Qorti tara li f' din is-sottomissjoni tieghu l-appellat Bartolo mhux korrett".*

[enfasi mizjuda]

L-esponent ihoss illi bil-mod kif esprimiet ruhha l-Onorabbli Qorti, hija ttradiet riluttanza li tezamina t-tezi ta' l-esponent rigward l-**artikolu 20 (c**), riluttanza li tissarraf f'nuqqas ta' mparzjalità;

(D) DWAR l-INVOLVIMENT TAL-QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI FIR-REVOKA TAL-HELSIEN MILL-ARREST TA' L-ESPONENT.

11. Illi huwa principju sanzjonat sija fid-Dritt Kostituzzjonali u sija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem illi Qorti li tkun involuta fid-determinazzjoni tal-helsien mill-arrest ta' bniedem akkuzat m'ghandhiex tkun involuta fid--determinazzjoni tal-htija tieghu. Fil-kaz in dizamina, il-konsiderazzjoniijet maghmula mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-revoka tal-helsien mill-arrest ta' l-esponent (ara d-digriet taghha tat-13 ta' Awwissu 2001), sija in kwantu kienu jikkoncernaw il-provi fuq bazi *prima facie*, sija in kwantu kienu jikkoncernaw il-kredibilità ta' l-esponent bhala xhud, naqsu fl-umli fehma millobjettivita` u l-imparzjalità la' l-istess Qorti fil-kors tal-proceduri principali u fid-determinazzjoni tal-htija fuq bazi *prima facie*;

## II. DWAR IN-NUQQAS TA' BONA FEDE TA' L-AKKUZI MIGJUBA KONTRA L-ESPONENT.

12. Illi l-esponent jissottometti illi jkun ingust u oppressiv illi huwa jigi estradit billi l-akkuzi migjuba kontrih ma sarux *in bona fede* fl-interess tal-gustizzja *ai termini* ta' l-**artikolu 20 (c) Kap. 276**, u dan, fil-qosor, ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Ghaliex ir-raguni l-ghala gie akkuzat b'reat wiehed kontinwat minflok b'zewg akkuzi separati kienet esklussivament sabiex jigu sodisfatti artificjalment u b'mod legalment ineffikaci l-kritjeri tal-**Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni**, meta huwa principju enuncjat sija mid-dottrina Maltija u sija mid-dottrina Taljana li l-konsiderazzjoni ta' zewg reati bhala real wiehed kontinwat ghandha ssir biss ghall-beneficcju ta' l-akkuzat, u qatt sabiex tiggrava l-pozizzjoni tieghu (ara ***Prof. Mamo***, op.cit. pag.178-179);

(ii) Ghaliex l-esponent seta' jitressaq dwar l-istess fatti allegati quddiem Qorti Maltija u dan ma sarx ghaliex l-awtoritajiet Maltin responsabbli mill-investigazzjoni u eventwali prosekuzzjoni kienu konxji mill-fatt illi l-massimu tal-piena karcerarja fl-Italja jkun ta' tnax-il sena minflok ta' sitt xhur (jew sena);

(iii) Ghaliex indipendentement mill-premess (i) u (ii), il-piena massima li ghaliha ser ikun espost l-esponent fl-Italja f'kaz li jigi estradit hija sproporzjonata meta mqabbla mal-

piena massima kontemplata ghall-istess fatti taht il-ligi Maltija;

(iv) Ghaliex l-akkuzi migjuba kontra l-esponent fl-Italja ghandhom rilevanza politika hafna, kif jirrizulta mill-artikoli li dehru dwar il-kaz u / jew kazijiet konnessi fil-gurnali Taljani, u ghalhekk hemm il-possibiltà li dan jinfluwixxi fuq il-process ta' l-esponent fl-Italja; u

(v) Ghaliex l-iskuntar ta' kwalsiasi piena karcerarja gewwa l-Italja ggib ghall-esponent tbatija ferm akbar milli gewwa Malta, sija minhabba l-ambjent karcerarju Taljan, ii gie kkundannat ripetutament mil-lat ta' trattament inuman u degradanti anke mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u sija minhabba t-tbatija li jgib l-iskuntar ta' sentenza f'pajjiz esteru.

Ghaldaqstant l-esponent, b'riferenza ghas-sentenza moghtija nhar il-25 ta' Settembru 2001 fil-kaz fl-ismijiet **"Il-Pulizjja (Spettur Sandro Zarb) vs Raymond Gauci, Ant/tony Bartolo"** (App. Nru. 110/2001) mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti:

(1) Tiddikjara li l-esponent ma nghatax smiegh xieraq minn Qorti ndipendenti u mparzjali *ai termini* ta' **l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea**;

(2) Tiddikjara li jkun ingust u oppressiv illi huwa jigi estradit billi l-akkuzi migjuba kontrih ma sarux *in bona fede* fl-interess tal-gustizzja *ai termini* ta' l-**artikolu 20 (c) Kap. 276;** u

(3) Tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza citata safejn din laqghet l-appell maghmul mill-Avukat Generali u ordnat li l-esponent jigi mibghut biex jitpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura tieghu lejn l-Italja, flimkien ma' kull rimedju li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha necessarju.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2001 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-11 ta' Ottubru 2001 u ordnat in-notifika ta' l-istess rikors lill-intimati b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimati tad-9 ta' Ottubru 2001 a fol. 10 sa 12 fejn esponew:

1. Illi in kwantu li r-rikors qieghed isir fil-konfront ta' **"Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb)"** it-talbiet in kwantu jikkoncernaw lill-istess huma nulli peress li a tenur **tal-artikolu 181B (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** huwa l-kap tad-Dipartiment koncernat li jirraprezenta l-Gvern kif ukoll minhabba li ma jirrizultax b'mod car min hu l-imharrek u *cjoe*` hux "Il-Pulizija" rapprezentata mill-Ispettur Sandro Zarb jew hux "Il-Pulizija" u l-Ispettur Sandro Zarb fil-vesti tieghu personali f'liema vesti huwa ma ghamel xejn.

2. Illi *inoltre* jirrizulta ampjament mir-rikors *de quo* li l-ilmenti kollha tar-rikorrent jiskaturixxu mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2001 fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb) vs Raymond Gauci u Anthony Bartolo"** u huma mmirati biex tigi impunjata l-istess decizjoni in kwantu tilledi l-Kostituzzjoni u biex jigu mhassra l-effetti ta' l-istess decizjoni in kwantu li r-rikorrent jippretendi li l-estradizzjoni tieghu tkun oppressiva u ngusta fis-sens tal-**artikolu 20 (c) tal-Kap. 276** u ghalhekk a tenur ta' l-**artikolu 181B (2) tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili** l-uniku legittimu kontradittur in materja huwa l-esponenti Avukat Generali u per konsegwenza l-intimati l-ohra ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u jinhargu mill-kawza.

3. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha taht il-Kostituzzjoni u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu ghall-allegazzjonijiet tar-rikorrent fil-paragrafu 11 tar-rikors tieghu dwar l-allegat involviment tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-revoka tal-helsien mill-arrest in sostenn tal-allegazzjoni tieghu ta' ksur tal-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 (1) tal-Ewwel Skeda tal-Att** imsemmi u dan peress li kellu disponibbli a favur tieghu mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat u naqas milli jaghmel uzu minnhom u dan a tenur tal-proviso tas-**sub-artikolu (1) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-proviso tas-sub-**

**artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 276)**.

4. Illi l-**Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewopea** nvokati mir-rikorrent ma humiex applikabbli ghal proceduri ta' estradizjoni peress li dawk l-artikoli jirrikjedu *"xi hadd .. . akkuzat b'reat kriminali"* jew proceduri li fihom tinghata *"decizjoni . . . . ta' xi akkuza kontra tieghu"* mentri fi proceduri ta' estradizzjoni ma hemm hadd akkuzat b'reat kriminali u tinghata ebda decizjoni ta' xi akkuza kontra tieghu.

5. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, anki kieku l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 (1) ta l-Ewwel Skeda** kienu applikabbli xorta ma kien ikun hemm ebda lezjoni tad-drittijiet protetti b'dawk l-artikoli ghar-ragunijiet segwenti.

6. Ir-ragunijiet migjuba 'l quddiem fil-paragrafi 4 sa 6 tar-rikors ma humiex materja kostituzzjonali *stante* li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt kriminali u tal-ligi dwar estradizzjoni liema nterpretazzjoni tispetta biss lill-qrati kompetenti f'dan il-kaz lill-Qqorti rimandanti u lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali u din il-Qorti ma hix xi Qorti ta' *terz' istanza* izda l-kompetenza taghha hi arginata bid-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kostituzzjoni u f'dan il-kaz bl-**artikolu 20 (c) tal-Kap. 276**.

7. Ma hu assolutament korrett xejn li l-Qorti Rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni ghandha xi obbligu li, bhallikieku *in linea preliminari*, tindaga jekk il-fatti allegati jammontawx ghal reat kontinwat jew le. Dan ikun jikkostitwixxi ndagni fil-mertu tal-allegazzjonijiet dedotti fil-pajjiz esteru kontra l-persuna rikjesta. Dak li hi tenuta taghmel il-Qorti rimandanti hu li tiddeciedi hemmx provi tali illi kieku r-reat gie kommess f'Malta l-Qorti kien ikun ragunijiet bizzejjed biex il-Qorti tordna li l-persuna rikjesta tintbghat biex titqieghed taht att ta' akkuza u cjoe' l-hekk msejjah *test* tal-*prima facie.* Huwa ghalhekk li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali korrettement irriteniet li *"Mhux il-kompitu tal-Qrati Maltin li jidhlu fil-mertu (emfasi tal-esponenti) biex jaraw jekk hux minnu li hemm xi reat kontinwat"*. Tant hu hekk li fis-sentenza mmedjatament wara l-Qorti kompliet tghid:

*"Il-Qrati Maltin, fi proceduri ta' estradizzjoni, jistghu jaslu biss biex jaraw, fuq bazi ta' prima facie (emfasi tal-esponenti), jekk hemmx ragunijiet bizzejjed biex persuna titpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggih lura taghha lejn il-pajjiz rikjedent. Hu f'dak il-pajjiz, imbaghad li ssir il-kontestazzjoni fil-meritu ta' dawk l-akkuzi u mhux quddiem il-Qrati Maltin."*

8. U aktar tard fl-istess sentenza f'pagna 19 kompliet tghid:

*"Il-Qorti issa, ghalhekk, trid tghaddi biex tara jekk mill-provi li hemm fl-atti hemmx ragunijiet bizzejjed skond il-ligi biex,*

*fuq bazi ta' prima facie, tordna li l-appellati jintbaghtu taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura taghhom lejn il-pajjiz rikjedent biex hemm iwiegbu* ghar-reat kontinwat *(emfasi tal-esponent) lilhom addebitat taht it-tieni akkuza".*

9. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kull ma ghamlet hu li impostat b'mod ghal kollox preciz il-pozizzjoni korretta fi proceduri ta' estradizzjoni. B'danakollu, anki kieku stess l-ewwel Qorti ma kenetx korretta – li ma hux il-kaz – xorta wahda dan ma kienx ikun materja ta' natura kostituzzjonali jew ta' xi ksur ta' dritt ghal smiegh xieraq.

10. Bl-istess mod ir-ragunijiet migjuba 'l quddiem fil-paragrafi 7 ma humiex materja kostituzzjonali u ghalihom japplika dak li nghad fil-paragrafu 5 ta' din ir-risposta. Jista' jizdied li bhala fatt ma hu minnu xejn li r-rikorrent ma kellux l-opportunita' li jikkontrolla l-provi prodotti jew li jaccerta li giet prodotta l-ahjar prova. Naturalment, jekk ipprevaliex ruhu mill-opportunitajiet li kellu hi haga totalment differenti.

11. Dak premess fil-paragrafu 8 tar-rikors hu wkoll bazat fuq il-premessa falza li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali *"naqset milli taghti gudizzju ragjonat (reasoned judgment) u spjegazzjoni tal-kriterji li wassluha biex tikkonkludi favur il-prima facie"*. L-infondatezza ta' din l-allegazzjoni tirrizulta *ictu oculi* mis-sentenza stess tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

12. L-allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar is-suppost nuqqas ta' mparzjalita' tal-Qorti *"fid-determinazzjonl tal-bona fides*

*ta' l-awtoritajiet ikkoncernati"* huma aktar inkomprensibbli minn dawk li pprecedewhom. Forsi r-rikorrent jidhirlu li hu accettabbli li jsiru allegazzjonijiet infondati u bla bazi da parti tieghu? Forsi jidhirlu li l-Qorti tal-Appell Kriminali ghandha ssib accettabbli dak li ma hux f'isem l-imparzjalita'?

13. Salv dak premess fil-paragrafu 4 ta' din ir-risposta, ma hux minnu li hu xi *"principju sanzjonat sija fid-Dritt Kostituzzjonali u sija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem"* illi l-Qorti li tkun "involuta" fid-determinazzjonl tal-helsien mill-arrest necessarjament ma ghandhiex tkun involuta fid-determinazzjoni tal-htija, u dan apparti li fi proceduri ta' estradizzjoni il-Qorti rimandanti b'ebda mod ma hi nvoluta fid-determinazzjoni tal-htija. Fi kwalunkwe kaz, il-konsiderazzjonijiet li ghamlet il-Qorti fid-digriet taghha tat-13 ta' Awissu 2001 ma jincidu b'ebda mod fuq il-konsiderazzjonijiet li kellha taghmel ghall-finijiet tal-procedurl ta' estradizzjoni. Di fatti, il-kredibilita' *o meno* ta' xhud ma hix konsiderazzjoni valida ghall-finijiet ta' dak l-ezercizzju ghaliex ghall-finijiet tal-apprezzament *prima facie* konsiderazzjonijiet bhal dawn, u cjoe' ta' kredibilta', huma rimessi ghall-gudizzju fil-mertu.

14. Illi in kwantu ghas-sottomissjonljiet fil-paragrafu 12 fejn qieghed jigi nvokat l-**artikolu 20 (c) tal-Kap 276** l-istess paragrafu 12 ma fih xejn hlief sensiela ta' kongetturi u allegazzjonijiet gratuwici u bla ebda sostenn f'xi prova u juru kemm kellha ragun il-Qorti ta' l-Appell Kriminali

tirrimarka li *"li xejn ma hu accettabbli li jsiru allegazzjonijiet infondati w bla bazi"*. In kwantu ghas-sub-paragrafu (ii) tal-paragraftu 12 l-esponenti jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (pagna 18) fejn hemm spjegat ir-ragunijiet vera, u mhux dawk immaginarji tar-rikorrent, ghaliex il-Pulizija ma mexxietx kontra r-rikorrent. *Inoltre*, dak sottomess fis-sub-paragrafi (iii) sa (v) tal-istess paragrafu 12, anki kieku veri, b'ebda mod ma jwasslu ghall-konkluzjoni li l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent mill-awtoritajiet Taljani ma humiex maghmula *in bona fede* fl-interess tal-gustizzja.

Ghaldaqstant, salv dak premess fil-paragrafi 1 sa 3 ta' din ir-risposta t-talbiet tar-rikorrenti fil-mertu jigu michuda interament bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat il-verbali tal-11 ta' Ottubru 2001 u fuq talba tad-difensuri tal-partijiet il-Qorti laqghet it-talba li jigu allegati l-atti tal-process u tas-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb) vs Raymond Gauci et"** (App. 110/01 deciza mill-Onor. Imhallef Patrick Vella fil-25 ta' Settembru 2001). Dr. Bondin indika li l-Kap rilevanti huwa **319 u mhux 276** kif erronjament indikat fir-risposta tieghu; tal-5 ta' Dicembru 2001.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti tas-7 ta' Dicembru 2001 li biha esebixxa kopja tal-process fil-kaz Kriminali kif ordnat bil-verbali tal-11 ta' Ottubru 2001 u tal-5 ta' Dicembru 2001.

Rat il-verbali tat-12 ta' Dicembru 2001 fejn xehed Eric Cachia; tat-30 ta' Jannar 2002 fejn rega' xehed Eric Cachia; tal-14 ta' Frar 2002 fejn xehed Olaf Terribile. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhom l-ebda provi dwar in-nota prezentata mill-Prim Ministru u r-rikorrenti talbu digriet ghall-istess; tal-21 ta' Frar 2002 fejn inghata digriet u l-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti rigwardanti l-produzzjoni tad-dokumenti konsistenti bhala *Note Verbale* 304/III/17463 datata 5 ta' Gunju 2001 u *Note Verbali* 0236/2001 tas-6 ta' Gunju 2001, bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt, *stante* li tali dokumenti huma dokumenti privileggjati *ai termini* tal-**Artikolu 637 (3) (4) u (6) tal-Kap 12**; tal-11 ta' April 2002 fejn xehed l-Ispettur Sandro Zarb; u tat-2 ta' Mejju 2002 fejn xehed l-Ispettur Sandro Zarb. L-intimat iddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota ta' oservazzjonijiet. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' hmistax-il gurnata lir-rikorrenti ghan-nota ta' osservazzjonijiet bin-notifika / visto lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollu hmistax-il gurnata ohra biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-18 ta' Gunju 2002.

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet anke bil-miktub tal-partijiet;

Rat li l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 27 ta' Gunju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. MERTU TAR-RIKORS ODJERN**

Illi fit-3 ta' Frar 2001, il-Qorti ta' Ragusa harget mandat t'arrest koncernanti allegata *"associazione a delinquere"* u komplicita' fid-dhul illegali ta' klandestini gewwa l-Italja fil-konfront tar-rikorrent Raymond Gauci u Anthony Bartolo. Dan il-mandat gie emendat b'digriet ta' l-istess Qorti tas-6 ta' Marzu 2001 dwar l-allegata natura kontinwata tal-komplicita' tar-rikorrent u Anthony Bartolo fir-reat ta' dhul illegali ta' klandestini gewwa l-Italja.

Illi fis-6 ta' April 2001 inhareg mandat t'arrest provizorju mill-Magistrat Giovanni Grixti u minn hemmhekk bdew il-proceduri relattivi quddiem il-Qrati Maltin. Fil-31 ta' Mejju 2001 il-Qorti Rimandanti ddecidiet li r-reati fiz-zewg akkuzi addebitati lil Raymond Gauci u Anthony Bartolo m'humiex reati estradibbli u ordnat ir-rilaxx taghhom. Dan fuq il-bazi li l-*"associazione a delinquere"* m'ghandha l-ebda korrispettiv fis-sistema legali Maltija, u li r-reat ta' dhul illegali ta' klandestini f'Malta jgorr piena massima ta' sitt xhur prigunerija u li ladarba l-ligi dwar estradizzjoni ma tghid xejn dwar reati kontinwati u l-Gvern Malti m'ghamel l-ebda riservi dwar dan meta ffirma l-**Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni**, dan zgur kien intenzjonat, u b'hekk dan ma kienx reat kopert *ai termini* ta' l-**artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni**.

Illi l-Avukat Generali appella u talab li tali sentenza tigi revokata u mhassra. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-25 ta' Settembru 2001 ikkunsidrat l-ewwel aggravju illi l-ligi Maltija tiddistingwi bejn ir-reat ta' kospirazzjoni, li jista' jkun simili ghar-reat ta' *"associazione a delinquere",* u l-estremi tal-komplicita' u cahditu. Illi pero' l-istess Qorti ta' L-Appell Kriminali laqghet it-tieni aggravju ta' l-Avukat Generali u rriformat is-sentenza appellata billi ddikjarat ir-reat kontinwat dedott kontra l-appellati bhala wiehed ta' estradizzjoni.

Illi konsegwentement Raymond Gauci, ir-rikorrentipprezenta r-rikors odjern fejn b'riferenza ghas-sentenza fuq imsemmija tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali qed jitlob li jigi dikjarat li:-

(i) ma nghatax smiegh xieraq minn Qorti indipendenti u mparzjali *ai termini* ta' l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-artikolu 6 (1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** u dan ghal diversi ragunijiet imsemmija fir-rikors (liema lmenti din il-Qorti se tikkunsidra aktar tard);

(ii) li jkun ingust u oppressiv illi jigi estradit billi l-akkuzi migjuba kontrih ma sarux *in bona fede* fl-interess tal-gustizzja *ai termini* ta' l-**artikolu 20 (c), Kap. 276**; u

(iii) talab li din il-Qorti tirrevoka, tannulla u thassar is-sentenza citata safejn din laqghet l-appell maghmul mill-

Avukat Generali u ordnat li r-rikorrent jigi mibghut biex jitpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggiegh lura tieghu lejn l-Italja, flimkien ma' kull rimedju li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha necessarju.

Illi l-intimati min-naha taghhom fir-risposta eccepew diversi eccezzjonijiet, li wkoll se jigu kunsidrati aktar tard minn din il-Qorti, u sostnew li salv dak premess fil-paragrafi 1 sa 3 tar-risposta taghhom, it-talbiet tar-rikorrent ghandhom fil-mertu jigu michuda nterament u dan minhabba r-ragunijiet hemm imsemmija.

Illi d-difensuri talbu l-allegazzjoni tal-process u tas-sentenza fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb) vs Raymond Gauci et"** (App.Nru 110/01 deciza mill-Onor. Imhallef Patrick Vella fil-25 ta' Settembru 2001). Il-Qorti laqghet tali talba u ordnat l-allegazzjoni tal-istess. Illi hawnhekk jinghad li x-xhieda li nghatat quddiem il-Qorti kif presjeduta kienet aktar diretta lejn it-tieni lment tar-rikorrent (cjoe' n-nuqqas ta' *bona fide* ta' l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent ) u kwindi se ssir riferenza ghalihom aktar tard.

## III. KUNSIDERAZZJONIET.

Illi fil-vertenza odjerna, din il-Qorti trid tara jekk kienx hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent *ai termini* ta' l-**artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali; kif ukoll in-nuqqas ta' *bona fede* fl-akkuzi migjuba

kontrih u li allegatament ma gietx ikkunsidrata mill-istess Qorti fis-sentenza moghtija *nonostante* li d-difiza kienet qed tinsisti fuqha.

Illi r-rikorrent kien ghaddej fi proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati taghna. Din il-ligi hija ligi li taghti poter lill-Gvern sabiex ikun jista' jikkopera ma' pajjizi tal-Commonwealth u pajjizi barranin ohra barra l-Commonwealth f'kaz li dawn jaghmlu talba sabiex xi hadd illi jkun kiser il-ligi kriminali taghhom u jinsab hawn Malta, jigi mibghut lura fil-pajjiz fejn kiser il-ligi kriminali, pero' dan isir biss certi kundizzjonijiet.

Illi l-estradizzjoni giet definita mill-**Halsbury's Laws of England** (4th ed. Vol.13) bhala :-

*"The formal surrender by one country to another, based on reciprocal arrangements partly judicial and partly administrative, of an individual accused or convicted of a serious criminal offence committed outside the territory of the extraditing country and within the jurisdiction of the requesting country which, being competent by its own law to try and punish him, demands the fugitive's surrender."*

Illi pero' hemm certu rekwiziti li ghandhom jikkonkorru sabiex reat ikun jista' jikkwalifika ghal wiehed estradibbli *ai* finijiet tal-**Kap. 276 tal-Ligijiet ta' Malta**. L-Artikolu applikabbli huwa l-**artikolu 8 tal-Kap. 276** li jirreferi ghal reati ta' estradizzjoni dwar pajjizi barranin specifikati (ghad-

differenza minn reati ta' estradizzjoni dwar pajjizi tal-Commonwealth specifikati li ghalihom japplika l-**artikolu 5** tal-istess Att) u dan *in forza* tal-**Avviz Legali 131 tal-1996** fejn l-Italja huwa wiehed mill-pajjizi elenkati fl-iskeda u li *in forza* tal-istess Avviz Legali ghandhom, *ai termini* tal-**artikolu 3**, jigu *"specifikati bhala pajjizi barranin ghall-ghanijiet tal-**artikolu 6 tal-Att**."*

Illi skond l-**artikolu 8(1) tal-Kap.276** sabiex reat f'pajjiz barrani specifikat jikkwalifika bhala reat ta' estradizzjoni dwar dak il-pajjiz jridu jikkonkorru s-segwenti rekwiziti:-

(1) li persuna tkun akkuzata jew kienet misjuba hatja tieghu fil-pajjiz barrani specifikat;

(2) li jkun reat li dwaru kriminal mahrub jista' jitregga' lura ghal dak il-pajjiz skond l-arrangament kontemplat fl-**artikolu 7;**

(3) li taht il-ligi ta' dak il-pajjiz, ir-reat ikun jimporta "*piena ta' prigunerija ghal zmien tnax-il xahar jew piena akbar";*

(4) *"li l-eghmil jew nuqqas li jikkostitwixxi r-reat, jew l-eghmil jew in-nuqqas ekwivalenti kien jikkostitwixxi reat kontra l-ligi ta' Malta li kieku sar f'Malta …"* **artikolu 8 (1) (a) (b).**

Illi l-**artikolu 8** ghandu jinqara flimkien ma' dak li hemm kontemplat fl-**Avviz Legali 131/1996** u l-**Avviz Legali**

**32/2001** u mal-**artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Estradizzjoni,** liema artikolu jipprovdi li :

*"Extradition shall be granted in respect of offences punishable under the laws of the requesting party and of the requested party by deprivation of liberty or under a detention order for a maximum period of at least one year or by a more severe penalty…"*

Illi f'dan l-istadju huwa mportanti li qabel kollox il-Qorti tiddisponi minn eccezzjonijiet li jistghu jitqiesu bhala preliminari fir-risposta taghhom.

**(i) NULLITA' TAT-TALBIET FIL-KONFRONT TA' "IL-PULIZIJA (SPETTUR SANDRO ZARB)".**

Illi l-intimati jsostnu li *"in kwantu li r-rikors qieghed isir fil-konfront ta' "Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb)" it-talbiet in kwantu jikkoncernaw lill-istess huma nulli peress li ghat-tenur tal-**artikolu 181B (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** huwa l-kap tad-dipartiment koncernat li jirraprezenta l-Gvern kif ukoll minhabba li ma jirrizultax b'mod car min hu l-imharrek u cjoe' hux "Il-Pulizija" rapprezentata mill-Ispettur Sandro Zarb jew hux "il-Pulizija" u l-Ispettur Sandro Zarb fil-vesti tieghu personali f'liema vesti huwa ma ghamel xejn".*

**(ii) LEGITTIMU KONTRADITTUR.**

Illi l-intimati jsostnu wkoll li jirrizulta ampjament mir-rikors odjern li l-ilmenti kollha tar-rikorrent jiskaturixxu mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-25 ta' Settembru 2001 u huma mmirati biex tigi mpunjata l-istess decizjoni in kwantu tilledi l-**Kostituzzjoni** u biex jigu mhassra l-effetti ta' l-istess decizjoni in kwantu li r-rikorrent jippretendi li l-estradizzjoni tieghu tkun oppressiva u ngusta fis-sens tal-**artikolu 20 (c) tal-Kap. 276** u kwindi a tenur ta' l-**artikolu 181B (2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili** l-uniku legittimu kontradittur in materja huwa l-Avukat Generali u b'hekk l-intimati l-ohra ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u jinhargu mill-kawza.

Illi l**-artikolu 181B (1)** jipprovdi li :-

*"Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"*

Illi **l-artikolu 181 B (2)** jistipula li:-

*"L-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarju li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-iskop tal-emenda li saret f'dan l-artikolu msemmi permezz tal-**Att XXIV tal-1995** kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita' r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza nkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti nterminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza kostituzzjonali, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajma, u dan kif jirrizulta fis-sentenzi **"Lucien Stafrace vs Agent Registratur tal-Qorti"** (Q.K. 9 ta' Novembru 1988); **"Onor. Lino Debono vs Magistrat Dr. Michael Mallia"** (Q.K. 19 ta' Frar 1990); **"Rita Portelli vs Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Parlamentari et"** (Q.K. 22 ta' Lulju 1985) **"Angelo Vella vs L-Onor. Prim Ministru"** (Q.K. 18 ta' Lulju 1990); **"Carmelo sive Charles Buttigieg vs Albert Mizzi bhala Chairman nomine"** (Q.K. 9 ta' Ottubru 1989); **"Carmelo sive Charles Delia vs Ir-Registratur tal-Qrati nomine"** (Q. K. 25 ta' April 1990); **"Edwin Bartolo et vs Agent Registratur tal-Qrati nomine"** (Q.K. 15 ta' Frar 1991); **"Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et"** (Q.K. 5 ta' April 1991) fost ohrajn.

Illi dan fl-umili opinjoni ta' din il-Qorti, kien qed iwassal ghal dewmien sostanzjali fid-determinazzjoni tal-kwistjoni kostituzzjonali, tant li fis-sentenza **"Chetenram Sharma *et***

**vs Avukat Generali"** (Q.K. 6 ta' Gunju 1989) l-istess Qorti Kostituzzjonali proponiet it-*test* li sabiex wiehed jiddeciedi min ikun azzjonabbli ghall-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali huwa dak li jiddetermina liema hija dik il-persuna li trid tkun citata sabiex tkun tista' taghti jew tipprovdi rimedju ghall-istess allegata vjolazzjoni, u din ma kienitx kwistjoni ta' nullita' ta' proceduri, izda *ai fin dei conti* dmir tal-Qorti li *"fid-diskriezzjoni wiesgha moghtija lilha taghti rimedju opportun, b'dawk il-mezzi proceduri disponibbli u minghajr ma tilledi d-dritt ta' haddiehor".*

Illi dan il-moviment gdid fil-gurisprudenza nostrali, f'dak li din il-Qorti thoss li kien attentat serju sabiex jigi eleminat formalissimu esagerat, (bla pregudizzju ghal kwistjonijiet ta' mertu) fil-perspettiva ta' rikorsi kostituzzjonali, gie kkonfermat fis-sentenza **"Joseph Abela vs Onor. Prim Ministru"** (Q.K. 7 ta' Dicembru 1990) fejn gew identifikati l-legittimi kontradditturi f'tali proceduri u cjoe':-

*"(i) L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghal kummissjoni jew ommissjoni, ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi;*

*(ii) Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew ifornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona;*

*(iii) Fit-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proceduri gudizzjarji".*

Illi dawn il-principji gew segwiti f'numru ta' kawzi fosthom **"Edwin Bartolo vs Agent Registratur tal-Qorti nomine et"** (Q.K. 15 ta' Frar 1991); **"Onor. Lorry Sant vs Kummisarju tal-Pulizija"** (Q.K. 2 ta' April 1990); **"Paul Debono vs L-Agent Prim Ministru"** (Q.K. 7 ta' Dicembru 1990) u **"Major Philip Manduca vs Prim Ministru"** (Q.K. 23 ta' Jannar 1995) fost ohrajn,

Illi permezz ta' din l-emenda odjerna l-pozizzjoni llum giet kristalizzata, b'dan li llum wiehed jaf abbazi tal-**artikolu 181B tal-Kap 12,** il-persuna li trid tigi mharrka sabiex tirraprezenta lill-Awtoritajiet governattivi, pero' dan ma jfissirx, fl-opinjoni tal-Qorti, li t-test provdut fil-kawza fuq citata ta' **"Joseph Abela vs il-Prim Ministru"** gie ghal kollox eleminat u dan peress li meta l-allegazjoni ta' ksur ta' wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem tqum minn jew fuq proceduri li jkunu pendenti bejn il-partijiet, dawk il-partijiet ghandhom jifformaw parti mill-istess gudizzju, kemm ghaliex dawn ghandhom certament interess fl-istess proceduri u wkoll ghall-integrita' tal-gudizzju, u fil-fatt ma hemm xejn fl-artikolu citat li jimmilita kontra dan.

Illi f'dan l-isfond wiehed jasal biex jikkunsidra l-ilmenti tal-intimati f'din il-kawza fejn ma hemm l-ebda dubju li r-rikors odjern jiskaturixxu mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, izda fl-isfond ta' dak li nghad iktar 'il fuq, dan ma jgibx per konsegwenza li huwa l-Avukat Generali biss li huwa l-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna.

Illi dan ghaliex fil-kaz in kwistjoni il-Kap tad-Dipartiment indikat generalment bhala "Il-Pulizija" huwa l-Kummissarju tal-Pulizija. *Inoltre* b'analogija kif inghad fis-sentenza **"Angelo Vella vs L-Onor.Prim Ministru et"** ( Q.K. 18 ta' Lulju 1990 – Vol. LXXIV. i.159 ) (ghax f'dak il-kaz il-Qorti kienet qed titkellem dwar il-Kummissarju tal-Pulizija) l-intimat, Il-Pulizija (Spettur Sandro Zarb) huwa wkoll legittimu kontradittur f'din il-kawza *stante* li fil-kawza kriminali li dwarha qed isir l-ilment kien certament parti, u dan ovvjament in rappresentanza tal-Kummisarju tal-Pulizija u b'hekk isegwi ghalhekk li huwa wkoll legittimu kontradittur f'din il-kawza, kif jindika l-okkju tal-kawza nnifisha.

Illi b'hekk kemm l-istess persuna, li ovvjament kienet qed tagixxi in rappresentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija u allura l-istess Kummissarju tal-Pulizija huma legittimi kontradittúri f'din il-kawza, u dan apparti dak li hemm provdut in konnessjoni ma' dan ta' l-ahhar fl-**artikolu 181B (1) tal-Kap 12,** mentri l-istess japplika ghall-Avukat Generali in vista ta' dak provdut fl-**artikolu 181 B (2) tal-Kap 12.**

Illi min-naha l-ohra ghalkemm l-Awtorita' kompetenti ndikata mill-**Att dwar l-Estradizzjoni** hija l-Ministru tal-Gustizzja li skond l-**artikolu 21 tal-Kap.276** ghandu diskrezzjoni jekk fl-ahhar mill-ahhar individwu mressaq ghandux jitpogga taht kustodja ghall-fini tat-treggigh lura lejn il-pajjiz rikjedent, dan ghar-rigward tal-procedura odjerna fil-kuntest ta' ksur ta' drittijiet fundamentali ma ghandu ebda riljev *stante* li l-**artikolu 181 B (2)** jiddentifika lill l-istess Avukat Generali bhala l-persuna li tirraprezenta l-Gvern.

Illi pero' dan ma huwiex rikors biss abbazi ta' ksur allegat tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem, izda wkoll azzjoni abbazi tal-**artikolu 20 (c) tal-Kap 276** u dan fuq allegazzjoni li l-estradizzjoni mitluba ma saritx in *bona fede* u ladarba l-istess Ministeru huwa kjarament involut fid-decizjoni dwar l-istess kif inghad iktar il-fuq, jidher li taht dan l-aspett, huwa wkoll legittimu kontradittur f'dan il-proceduri.

Illi b'hekk l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati ghandhom jigu michuda.

**(iii) L-ARTIKOLU 39 (1) TAL-KOSTITUZZJONI U L-ARTIKOLU 6(1) TA' L-EWWEL SKEDA TA' L-ATT DWAR IL-KONVENZJONI EWROPEA MHUX APPLIKABBLI GHAL PROCEDURI TA' ESTRADIZZJONI.**

Illi l-intimati eccepew illi dawn l-artikoli fuq imsemmija nvokati mir-rikorrent ma humiex applikabbli ghal proceduri ta' estradizzjoni peress li dawk l-artikoli jirrikjedu *"xi hadd … akkuzat b'reat kriminali"* jew proceduri li fihom tinghata *"decizjoni … ta' xi akkuza kontra tieghu"* mentri fi proceduri ta' estradizzjoni ma hemm hadd akkuzat b'reat kriminali u tinghata ebda decizjoni ta' xi akkuza kontra tieghu.

Illi dan il-punt gja' gie dibatut fil-gurisprudenza nostrali tant li fil-kaz **"Colin John Trundell vs Onor. Min. ta' l-Affarijiet Barranin et"** (Q.K. 12 ta' April 1991) - Vol.LXXV. i.197), il-Qorti Kostituzzjonali kellha quddiemha din l-istess kwistjoni fejn wara li l-Ewwel Qorti kienet laqghet l-eccezzjoni bhal dik odjerna, l-Qorti Kostituzzjonali tenniet is-segwenti :-

*"Il-ligi taghna pero', din il-kwistjoni ssolviha b'mod kuntrarju kif hemm specifikat fl-***artikolu 16, Kapitolu 276** *:-*

*"Meta persuna tintbaghat skond l-***artikolu 15 ta' dan l-Att***, il-Qorti ghandha, barra milli tgharrafha li ma tkunx se titregga' lura qabel ma jghaddu hmistax-il jum mid-data ta' l-ordni ta' kustodja u li hi tista' tappella lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, tgharrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi wahda mid-*

*dispozizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 10 ta' dan l-Att tkun giet miksura, jew xi dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija, tkun giet jew x'aktarx tkun se tigi miksura dwar il-persuna taghha hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika ta' l-ordni ta' kustodja tal-Qorti, hija ghandha jedd li titlob rimedju skond id-dispozizzjpnijiet ta' l-artikolu 46 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni."*

Illi kif qalet dik il-Qorti din id-dispozizzjoni "*hija bizzejjed biex telimina l-eccezzjoni ta' l-intimati". Inoltre* l-istess Qorti kompliet tghid li:-

*"Il-ligi timponi dover fuq il-magistrat inkwerenti li javza lil min ikun soggett ghall-proceduri ta' estradizzjoni bid-drittijiet u garanziji tieghu kostituzzjonali, proprju ghaliex dawn japplikaw – kollha kemm huma – ghall-procedura li ghaliha huwa jkun sottomess. Dispozizzjoni cara u straordinarja li pero' turi kemm, fis-sistema taghna, id-drittijiet fundamentali saru vitali ghall-istess sistema."*

Illi dan gie anke kkonfermat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-sentenza **"Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"** deciza fit-28 ta' Dicembru 2001 u wkoll fil-kawza **"Ronald Agius vs Avukat Generali et"** (Q.K. 30 ta' Novembru 2001) fejn inghad li:-

*"In konkluzjoni allura din il-Qorti, fil-waqt li tirribadixxi illi l-persuna li kontra taghha qed tintalab l-estradizzjoni tgawdi*

*mill-protezzjoni kostituzzjonali u konvenzjonali ghal smiegh xieraq fil-kors tal-proceduri li ghaliha hi kienet skond il-ligi intitolata ma ssibx illi l-artikolu 22 (3) tal-Kap 276 kien b'xi mod leziv ta' dan il-jedd fondamentali mentali …………. fil-kawza fl-ismijiet* ***"Anthony Satarariano vs Avukat Generali et"*** *minnha deciza fit-28 ta' Novembru 1997 ……… Illi huwa inkoncepibbli, anke ghax il-Kostituzzjoni tipprojbih, illi jkun hemm estradizzjoni deciza mill-Istat minghajr il-process gudizzjarju li ghandu jistabilixxi qabel kollox li jikkorru l-elementi kostituttivi tal-ligi li jiggustifikaw li ssir l-estradizzjoni".*

*"Il-persuna li kontra taghha jintalab il-hrug ta' ordni ta' estradizzjoni kellha allura d-dritt sostantiv illi tizufruixxi u tghaddi minn dawn il-proceduri gudizzjarji. Proceduri gudizzjarji li certament kellhom jizvolgu fir-rispett shih ta' garanzija kostituzzjonali u konvenzjonali fir-rigward ta' smiegh xieraq."*

Ili kwindi anki din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda minhabba r-ragunijiet premessi, li din il-Qorti hija certa li l-intimati ghandhom konoxxenza sewwa tal-istess principji stabiliti mill-gurisprudenza nostrali.

**(A) NUQQAS TA' SMIEGH XIERAQ.**

Illi **l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi li:-

*"Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smiegh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn Qorti ndipendenti u mparzjali mwaqqfa b'ligi."*

Illi l**-artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi illi :-

*"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza ghandha tinghata pubblikament izda l-istampa u l-pubbliku jista' jigi eskluz mill-proceduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurta' nazzjonali f'socjeta' demokratika, meta l-interessi ta' minuri jew il-protezzjoni tal-hajja privata tal-partijiet hekk tehtieg, jew sa fejn ikun rigorozament mehtieg, fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi specjali meta l-pubblicita' tista' tippregudika l-interessi tal-gustizzja."*

Illi fis-sentenza **"St.Paul's Court Limited vs L-Onor.P.M.et noe"** (Q.K. 16 ta' Settembru 1998 - Rik. Kost. Nru :552/96VDG) inghad hekk:-

*"Kif tajjeb josservaw l-awturi **Harris,O'Boyle u Warbrick** :-*

*"In contrast with the other more precise guarantees in article 6 (1), the right to a fair hearing has an open-ended, residual quality".*

Illi dwar l-istess artikolu nghad fis-sentenza **"Kostovski vs The Netherlands"** (20 ta' Novembru 1989. Series A-166 12 EHRR 434) li :-

*"The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision".*

Illi minkejja dan xorta jista' jinghad li l-elementi kollha ta' dan id-dritt ma jistax jigu definiti *a priori* u specifikatament kull wiehed *stante* li l-istess principju hawn kawtelat huwa tassew wiesgha tant li nghad li:-

*"It is a nebulous concept which absorbs other elements not explicitly mentioned in article 6 but which are considered essential for deciding whether a fair hearing has occurred on the particular facts of a given case."*

*"The right to a fair hearing requires a court to appreciate impartially all the matters of fact and of law submitted to it by both parties with reference to the particular issue which it is called upon to decide, since, as held by the European Commission, it is not possible to state in the abstact the content of this requirement."* **("The Right To Be Heard By An Independent and Impartial Tribunal"** (1997) ***Dr. Roberta Gauci LL.D)***.

Illi *inoltre* fil-ktieb **"Article 6 of the European Convention on Human Rights – The Right To A Fair Trial"** ta' ***Andrew Grotrian*** jinghad illi:-

*"The requirement of fairness covers the proceedings as a whole, and not only those in an oral hearing. The question of whether a person has had a 'fair hearing' is thus approached by looking at the whole proceedings, although a particular incident may have a decisive effect."*

Illi *ineffetti* l-imsemmi awtur jelenka l-principji li jinkorpora fih l-imsemmi **Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dawn jikkonsistu *inter alia f'*:-

*"The most established right added to Article 6 (1) is the principle of the equality of arms. This is important to understand the operation of the underlying principle of 'fairness' and although it is not explicitly expressed in Article 6(1) it is necessarily implied. This concept comprises the idea that each party should have an equal opportunity to present his case and that neither party should enjoy any substantial advantage over his opponent. This concept of equality of arms was first mentioned in the* **Neumaister case** *(27th June 1968) and has been a feature of Article 6 (1) ever since. The Commision has expressed the principle in respect of both criminal and non-criminal cases and in the context of civil cases between private parties, the Court has said:-*

*"The court agrees with the Commisison that as regards litigation involving opposing private interests, equality of arms implies that each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case – including his evidence – under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis a vis his opponent."* **("Dombo Beheer BV vs The Netherlands",** 27th October 1993**)**

*"In criminal cases, this principle of equality of arms overlaps with the specific guarantees in Article 6 (3) however it has a wider application than the latter since it applies to all aspects of the proceedings."*

Illi relatat hafna mal-kuncett ta' *"equality of arms"* huwa l-kuncett ta' *"judicial process",* li xi kultant jirreferu ghalih bhala d-dritt li persuna jkollha *"an adversial trial"*:-

*"The right to have an adversial trial means the opportunity for the parties to have knowledge of and comment on the observations filed or evidence adduced by the other party."* **("Ruiz- Mateos vs Spain",** 23rd June 1993).

Illi fil-"**Brandstetter Case"**, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tenniet :-

*"The principle of equality of arms is only one feature of the wider concept of a fair trial, which also includes the fundamental right that criminal proceedings should be*

*adversial … The right to an adversial trial means, in a given criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party".*

Illi rekwizit iehor ferm stabbilit u li huwa mplikat fid-dritt ta' smiegh xieraq huwa d-dritt ta' *"an oral hearing".* Fl-imsemmija tezi ntqal:-

*"Therefore, the question arises as to whether the requirement of fair hearing implies the presence of the parties in person. The Commission has expressed the view that in certain classes of cases or in certain sets of circumstances a fair hearing is scarcely conceivable without the presence of the party concerned; this may be so in some civil or commercial cases and is true a fortiori of criminal matters, and the Court has supported this view. As far as criminal cases are concerned, 'it flows from the notion of a fair trial that a person charged with a criminal offence should, as a general principle, be entitled to be present at the trial hearing". Clearly, the accused has an interest in witnessing and monitoring proceedings that are of great importance to him. Moreover, his right to be present at the trial hearing is implicit in the right to 'participate effectively' in the conduct of his case (**"Stanford vs UK",** 23$^{rd}$ February 1994); an accused need to be there to give evidence and to advice his lawyer on the presentation of his case or to present his case in*

*person* **("Colozza Case")***. There is a close interrelationship between the right to an oral hearing in one's presence and the right to adversarial proceedings. A trial in which the evidence accumulated during the investigation of the case is admitted to the record without being adduced in court in the presence of the accused is not consistent with either* **("Barbera, Messeque and Jabardo vs Spain"** *- 6th December 1988). It follows from the right of an accused to be present at his trial that where the state has custody of the accused, it must ensure that he is able to attend, provided that the accused gives the prison authorities any necessary information* **("Goddi vs Italy"** *- 1984)."*

Illi jezistu wkoll sitwazzjonijiet fejn parti f'kawza kriminali jew mhix jew tista' tirrinunzja ghad-dritt li tkun prezenti, pero' tali rinunzja trid tkun stabbilita b'mod inekwivoku u trid tkun akkumpanjata b'salvagwardji minimi. Hawn issir riferenza ghall-kaz **"Colozza and Rubinat vs Italy"** fejn intqal ukoll: *"A well as in cases of waiver, trial in absentia is also permitted where the state has acted diligently, but unsuccessfully, to give an accused effective notice of the hearing"* ghalkemm fil-kaz in partikolari l-Istat ma giex misjub li agixxa diligentement sabiex jaraw li l-akkuzat jigi debitament notifikat.

Illi fl-ahharnett, jinghad wkoll illi element bazilari wkoll tal-istess artikolu li jrid ikun hemm decizjoni motivata, ghaliex ghalkemm dan ir-rekwizit ma huwiex esplicitament

imsemmi fl-istess **artikolu 6**, dan huwa mplicitament konness mal-principju ta' smiegh xieraq, li gie anke rikonoxxut fil-Qrati, bhal fil-kaz **"Van de Hurk vs The Netherlands"**, (19 ta' April 1994).

Illi tant huwa minnu dan li nghad li *"This power of requiring a reasoned decision is illustrated in the* **De Moor Case** (*23rd June 1994). The reasoned decision in this case revealed that it had been taken on a basis not open to the judge. The hearing could not be fair if the decision was based on a reason which was not legally valid."*

*"However, it is not necessary for the court to deal with every point raised in argument. If a court gives reasons, then prima facie the requirements of Article 6 in this respect are satisfied. If, however, a submission would, if accepted, be decisive for the outcome of the case, it requires a "specific and express outcome" by the court in its judgment."*

Illi r-rikorrent qed iressaq bazikament erba' lmenti li se jigu trattati wiehed wiehed. Illi f'dan l-istadju huwa mportanti li jigi sottolineat dak li ntqal fis-sentenza **"The Police vs Svetozar Abramovic"** (A. Krim. 30 ta' Lulju 1993) fejn intqal :-

*"This Court has already had occasion to state that proceedings before it are somewhat similar to those before a Court of Inquiry and is bound by the same rules of*

*procedure. The standard of evidence before the Court of Inquiry should be sufficient to show a prima facie case against the accused in which case he is sent for trial before the Competent Court. The Court of Criminal Inquiry would not enter into the merits of the case as such, as this would be prempting the jurisdiction of the Court of Criminal Jurisdiction which alone has the powers to pronounce on the guilt or innocence of the person charged before it."*

*"The Court of Committal, therefore, bound by the same laws will also adopt, the same intention and if it is satisfied that there is a prima facie case to answer, then it should order committal to custody."*

**(a) L-ASTENSJONI TAL-QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI MILLI TIKKUNSIDRA D-DIFIZA LEGALI TAR-RIKORRENT.**

Ir-rikorrent spjega li huwa u Anthony Bartolo qajmu l-punt kemm quddiem l-ewwel Qorti Rimandanti u l-Qorti tal-Appell Kriminali li in konnessjoni man-natura kontinwata tar-reat ta' komplicita' fid-dhul ta' immigranti klandestini, qabel wiehed ma jghaddi biex jara jekk hemmx provi *"prima facie"* tal-fatti allegati, wiehed irid jara jekk tali fatti allegati jistghux jammontaw ghar-reat kontinwat imsemmi.

Illi l-intimati eccepew illi r-ragunijiet migjuba taht dan il-punt ma humiex materja kostituzzjonali *stante* li jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt kriminali u tal-ligi dwar estradizzjoni, liema nterpretazzjoni tispetta biss lill-Qrati

kompetenti f'dan il-kaz lill-Qorti Rimandanti u lill-Qorti ta' L-Appell Kriminali u din il-Qorti ma hix xi Qorti ta' *terz' istanza* izda l-kompetenza taghha hi arginata bid-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kostituzzjoni u f'dan il-kaz bl-**artikolu 20 (c) tal-Kap. 276**.

Illi *inoltre* l-intimati sostnew li mhux korrett li l-Qorti rimandanti fi proceduri ta' estradizzjoni ghandha xi obbligu li, bhallikieku *in linea preliminari*, tindaga jekk il-fatti allegati jammontawx ghal reat kontinwat jew le. Dan ikun jikkostitwixxi ndagni fil-mertu tal-allegazzjonijiet dedotti fil-pajjiz esteru kontra l-persuna rikjesta. Dak li hi tenuta taghmel il-Qorti Rimandanti, skond huma, hu li tiddeciedi hemmx provi tali illi kieku r-reat gie kommess f'Malta kien ikun hemm ragunijiet bizzejjed biex il-Qorti tordna li l-persuna rikjesta tintbaghat biex titqieghed taht att ta' akkuza u cjoe' l-hekk imsejjah test tal-*prima facie.*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"** (P.A. (Kost.) (VDG) 28 ta' Dicembru 2001):-

*"L-intimati ghandhom ragun meta jikkontendu li din il-Qorti m'ghandhiex il-funzjoni ta' qorti ta' appell f'xi grad oghla mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ma hix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tiddeciedi fuq jew tirrevedi l-provi mressqa quddiem il-Qorti Rimandanti u ezaminati minn dik il-Qorti u finalment mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali; anqas ma hu l-kompitu ta' din il-Qorti li tirrevedi d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell*

*Kriminali dwar l-interpretazzjoni tal-ligi applikabbli ghall-proceduri li dik il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha quddiemha, jew dwar l-interpretazzjoni ta' xi punt ta' dritt ta' natura strettament penali (bhalma hi, per ezempju, il-kwistjoni ta' l-ammissibilita' o meno ta' certi provi). Il-funzjoni ta' din il-Qorti hi limitata biex tara jekk gewx lezi o menu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea."*

Illi r-rikorrent qed jibbaza ruhu fuq il-kaz ta' **"Anthony Satariano vs l-Avukat Generali et"** (Q.K. 28 ta' Novembru 1997) li wkoll kien kaz dwar estradizzjoni. Illi f'dak il-kaz il-kwistjoni kienet li l-Prim' Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talbiet tar-rikorrent li l-ordni ghall-estradizzjoni tieghu kien in vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-**artikolu 43 tal-Kostituzzjoni**. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat din is-sentenza billi ddecidiet illi in kwantu l-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ordni taghha kienet iddikjarat li ma kellhiex gurisdizzjoni fuq il-kwistjoni jekk ir-reat ghal liema kienet qeghda tintalab l-estradizzjoni tar-rikorrent kienx milqut bil-preskrizzjoni kienet skorretta. Il-Qorti Kostituzzjonali ghalhekk annullat din il-parti tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali u regghet batghet lir-rikorrent quddiem dik il-Qorti biex tigi deciza l-kwistjoni tal-preskrizzjoni tar-reat minnu ssollevata. Il-Qorti kienet iddecidiet li kien il-kompitu tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li, qabel ma taghmel ordni ta' estradizzjoni, tara jekk ir-reat ghal-liema tintalab l-estradizzjoni kienx milqut bil-preskrizzjoni. In kwantu dik il-Qorti kienet, fil-proceduri

meritu tar-rikors, iddeklinat li taghmel hekk, kisret id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent.

Illi pero' l-kaz odjern huwa totalment differenti mill-kaz fuq citat, *stante* li f'dan il-kaz jidher li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma naqset bl-ebda mod milli tezamina dak li kellha tezamina u cjoe':-

*"that a prima facie case shall be made out before a magistrate in order to support the application of extradition ………. It is not desirable that he should be required to do more than to see that the facts proved constitute prima facie an offence which would have been with the judicial gognizance if done within this country"* u *"the magistrate had then to determine simply whether the evidence presented disclosed an offence in English Law upon which he would commit for trial had the offence been committed in England* **("Jones on Extradtion and Mutual Assitance" -** pg. 37 para. 2-007; pg. 41 para. 2-012).

Illi minn ezami tas-sentenza mpunjata b'dan il-proceduri u biss fil-kuntest ta' konsiderazzjonijiet kostituzzjonali, *stante* li din il-Qorti ma hijiex Qorti tal-Appell, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali sostniet li:-

*"Kif gja' kellha okkazjoni taghmel fid-decizjoni li tat din il-Qorti, kif presjeduta, illum stess, fl-Appell Kriminali 118/2001 fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Fatiha Khallouf"** fi proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-Qrati taghna ma*

*tezistix il-figura ta' persuna li tigi mputata jew akkuzata b'reat. F'dawn il-Qrati ma jigix deciz jekk hemmx htija jew le, jekk hemmx responsabilta' kriminali jew le, ma tigix uzurpata l-funzjoni ta' min finalment ghandu jiggudika. F'dawn il-proceduri ma hemm ebda 'criminal charge to be determined'. Dawn huma proceduri ntizi biex jigi stabbilit jekk hemmx il-presopposti fattwali u formali skond il-ligi, inkluza l-Kostituzzjoni (artikolu. 43), sabiex talba ta' pajjiz barrani ghat-treggiegh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa'.*

Illi tenut kont tal-fatt li skond l-**artikolu 15 (1) tal-Kap 276** li l-Qorti Kriminali f'dawn il-proceduri ghandha l-funzjoni bhal dik ta' Qorti ta' Kumpilazzjoni u ghandha l-funzjoni biss li tara li skond **l-artikolu 15 (3) tal-Kap 276** *"that the evidence would be sufficient to warrant his trial if it had been committed within the jurisdiction of the Courts of Criminal Justice of Malta"* ma hemm l-ebda dubju ghalhekk li d-determinazzjoni tal-kwistjoni quddiem l-istess Qorti, kemm dik ta' *prim' istanza* u dik ta' *sekond' istanza*, hija dik biss li tara li fuq bazi ta' *prima facie* hemmx provi bizzejjed sabiex f'dan il-kaz il-rikorrenti jittiehdu proceduri kontrih abbazi tal-akkuzi imressqa mill-Qorti Taljana, u li tali provi jkunu jikkostitwixxu reat li skond il-Ligi Maltija jkun suggett ghal tali estradizzjoni kieku sar Malta.

Illi fil-fatt dan it-test gie kkonfermat fis-sentenza **"Il-Pulizija vs Alfred John Gaul"** (16 ta' Lulju 1981) fejn inghad li:-

*"The Court has now to consider whether the evidence tendered in support of the request for the return of the defendant is sufficient to warrant his trial for the offence mentioned if it had been committed with the jurisdiction of the Courts of Justice in Malta".*

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza **"Il-Pulizija vs Anthony Roberts"** (A.K. 16 ta' Dicembru 1976) fejn inghad li:-

*"Kif ampjament dimostrat fid-decizjoni appellata bi kwotazzjoni kopjuza ta' dottrina u gurisprudenza, l-kompitu tal-Qorti Rimandanti mhux dak li tiddeciedi l-meritu imma li tkun sodisfatta li prima facie jikkonkorru ragunijiet bizzejjed sabiex il-persuna mressqa quddiemha tghaddi process fuq ir-reati lilha addebitati jew kommessi fil-gurisdizzjoni taghha".*

Illi f'din l-istess sentenza il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Rimandanti (CSH) fis-sentenza taghha tal-31 ta' Mejju 2001 sostniet li:-

*"Fit-tielet lok imbaghad il-Qorti trid tikkonsidra dak kollu li gie prodott bhala evidenza u cjoe' sabiex tara jekk jezistix kaz prima facie fil-konfront tal-imputati. Din il-Qorti m'ghandhiex tidhol fil-funzjoni ta' Qorti Kumpilatorja li taghmel apprezzament ta' provi bil-ghan li tiddetermina s-sejbien o meno ta' htija tal-imputati. Skond l-artikolu 15 (3) (a) tal-Kap 276 fuq citat li l-provi jkunu bizzejjed biex jiggustifikaw li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak r-*

*reat li kieku kien sar fil-gurispedizzjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Kriminali ta' Malta".*

Illi dan kollu jidher li sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali, li waslet fl-ewwel lok biex stabbilit li r-reat kontinwat ta' dhul illegali ta' persuni f'dawn il-Gzejjer huwa kkontemplat taht il-Ligi Maltija bl-**artikolu 32 tal-Kap 217** u **l-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali,** u *stante* li dan huwa l-kaz, il-piena ta' sitt xhur kontemplata fl-**artikolu 18 (2) tal-Kap 217** tizdied bi grad jew tnejn skond id-dispozizzjonijiet tal-imsemmi **artikolu 18 tal-Kap 9**, b'dan ghalhekk li l-istess reat huwa estradibbli *ai termini* tal-**artikolu 2 tal-Kap 276** u l-**artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea Dwar L-Estradizzjoni,** b'dan li l-ahhar artikolu msemmi jiddisponi li tali reat ghandu jkollu anke fil-pajjiz rimandanti piena ta' ghall-anqas sena prigunerija.

Illi wara li stabbilit dan l-istess Qorti tal-Appell Kriminali sostniet li *"trid tghaddi biex tara jekk mill-provi li hemm fl-atti, hemmx ragunijiet bizzejjed skond il-ligi biex, fuq bazi ta' prima facie, tordna li l-appellati jintbaghtu taht il-kustodja ghall-fini tat-treggiegh lura taghhom lejn il-pajjiz rikjedenti biex hemm iwiegbu ghar-reat kontinwat lilhom addebitat taht it-tieni akkuza".*

*"Issa fil-kaz in ezami, apparti dak li qal l-Ispettur Giuseppe Magnani, meta xehed quddiem il-Qorti Rimandanti fit-30 ta' April 2001, minn ezami tal-provi kollha li hemm fl-atti, mid-dokumentazzjoni mibghuta mill-awtoritajiet Taljani, mid-*

*deskrizzjoni dettaljata tal-fatti li allegatament graw matul is-sena 2000, mill-istharrig li sar sabiex tigi kkontrollota din l-attivita' llegali ta' dhul tal-klandestini fi Sqallija matul dan il-perjodu, jidher li almenu fuq bazi ta' prima facie, li z-zewg appellati …………… kienu nvoluti fid-dhul ta' immigranti klandestini fi Sqallija matul iz-zmien imsemmi fid-deskrizzjoni tal-fatti"*

*"Li trid tara dik il-Qorti hu jekk in bazi tal-provi li hemm hemmx probabilta' ta' htija, allura hi ghandha tibghat lill-persuna rikjesta taht kustodja biex titregga' lura lejn il-pajjiz rikjedenti".*

Illi minn dan kollu jidher li l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat dak kollu li kellha tikkonsidra fil-kompetenza taghha ta' Qorti Rimandanti u dan fil-dawl tal-provi migjuba quddiemha, u wara li ezaminat l-istess, u hadet in konsiderazzjoni t-trattazzjoni tal-imputat, u d-difiza legali minnu mgjuba, ddecidiet li fuq il-provi prodotti hemm bazi *prima facie* sabiex l-istess imputat jinbaghat fil-pajjiz rikjedenti skond il-**Kap 276.**

Illi dan kollu fid-dawl tal-ligi vigenti u l-istess Qorti ma kellha taghmel ebda ezami iehor u fil-funzjoni taghha ma kellhiex taghmel mod iehor *stante* li mxiet direttament mal-ligi fuq dettaljatament indikata, u minnha esposta.

Illi l-fatt li ma laqghetx is-sottomissjonijiet tal-intimat, ma jfissirx u lanqas jimplika li l-istess Qorti ma tatx smiegh

xieraq lill-rikorrenti odjern, ghaliex l-istess Qorti tat raguni u mmotivat id-decizjoni taghha, ghaliex qatghet kontra tali sottomissjonijiet, fis-sens li dawn jesorbitaw l-kompetenza u l-inkarigu taghha *ai termini* tal-istess **Kap 276,** u li dawn is-sottomissjonijiet jimplikaw li l-Qorti kellha tezamina l-provi sabiex taghti decizjoni fuq il-mertu tal-istess reati u dan anke billi tikkonsidra l-preponderanza tal-provi anke fil-kuntest tal-elementi kostituttivi tal-istess reat kontinwat, haga li hija kompletament kontra dak li rriteniet l-istess sentenza stess ibbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 15 (3) (a) tal-Kap 276** u l-gurisprudenza fuq citata.

Illi huwa f'dan il-kuntest li l-frazi fl-istess sentenza mpunjata mir-rikorrenti li "*Mhux il-kompitu tal-Qrati Maltin li jidhlu fil-meritu biex jaraw jekk tali akkuza hix gustifikata jew le, biex jaraw jekk hux minnu li hemm xi reat kontinwat" t*rid tinqara u hawn wiehed irid joqghod attent li meta Qorti ma taccettax l-argumenti tad-difiza jew tal-parti, anke ghaliex ma jkunux jifformaw parti, jew mhux relevanti ghal dik l-azzjoni li l-Qorti jkollha quddiemha. Dan certament m' ghandhx jiftiehem li l-Qorti b'xi mod tkun naqset milli taghti smiegh xieraq lill-parti li l-argumentazzjoni taghha tkun giet rigettata, u dan huwa proprju n-natura tal-lamentela tar-rikorrenti fil-kaz odjern, kif fuq ampjament spjegat.

Illi dan kollu ghandu jittiehed ukoll in konsiderazzjoni mal-ilment li ma kienx hemm *a reasoned judgment* u spjegazzjoni tal-kriterji li wassluha biex tikkonkludi favur il-*prima facie.*

*"The requirement of a fair hearing also supposes that a court will give reasons for its judgement. Whereas national courts are allowed considerable discretion as to the structure and content of the judgements, they must indicate with sufficient clarity the grounds on which they base their decision so that the accused may usefully exercise the right of appeal available to him. It is not necessary for the court to deal with every point raised in argument".*

Illi fil-fatt dan jinsab provdut anke fl-**artikolu 218 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*"Fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinaghtaw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha, u ghandu jkun hemm fiha wkoll riferenza ghall-procedimenti, ghat-talbiet tal-attur u ghall-eccezzjonijiet tal-konvenut".*

Illi *multo magis* fil-kuncett ta' *due process of law* kif rikonoxxut fil-Kostituzzjoni taghna, pero' l-kwistjoni jekk sentenza jew gudizzju huwiex motivat jew le ma jistax jigi sottopost ghal regolamenti *a priori,* u kollox ivarja skond ic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, anke ghaliex hemm differenza bejn is-sentenza li tiddeciedi fuq il-mertu u decizjoni li qed tiddeciedi biss fuq bazi ta' *prima facie*, u wkoll hemm differenza bejn proceduri li jiddeciedu fi stadju ta' kumpilazzjoni jekk hemmx *prima facie* bazi sabiex jittiehdu proceduri fuq il-mertu, u proceduri quddiem Qorti

Rimandanti li l-funzjoni taghha hija limitatata b'dak li jipprovdi l-**Kap 276.**

Illi tenut kont ta' dan kollu jidher li l-istess sentenza hija *ben motivata* sabiex taqdi d-dmirijiet taghha skond il-kompetenza moghtija lill-Qorti abbazi tal-istess **Kap 276** u fil-fatt fl-istess sentenza, li hija moghtija fi stadju ta' appell, hemm il-motivazzjoni ghaliex tali reat rikjest mill-pajjiz rikjedenti jikkonsisti wkoll f'reat taht il-Ligi Maltija, l-artikoli appositi *ai termini* ta' liema l-istess reati huma hekk kkonsidrati fil-ligi Maltija, il-konsistentenza u l-elementi tal-istess reati, u ghaliex huma kkunsidrati estradibbli skond il-ligi nostrali, u fl-ahharnett b'riferiment dirett lejn il-provi, hemm ukoll il-motivazzjoni, li abbazi tal-provi li kien hemm quddiemha, hemm bazi fuq it-*test* ta' *prima facie* sabiex jittiehdu proceduri kontra l-istess rikorrenti ghar-reati li bihom gie akkuzat anke skond il-ligi Maltija, u l-istess Qorti rriferiet ghall-provi kollha hemm identifikati li wassluha ghal tali konvinciment, li ovvjament ma jfissirx u lanqas jindika imputazzjoni ta' htija *o meno* fir-rigward tal-istess rikorrenti, izda biss li hemm provi bizzejjed biex jittiehdu proceduri kontrih, u jigi rimandat ghal decizjoni fuq il-mertu lill-Qorti barranija.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kieku ghamlet aktar minn hekk l-istess Qorti ta' Appell Kriminali kienet tkun qed tezurpa l-poteri li hija ghandha fil-kompetenza taghha, u fid-dawl tad-decizjoni lilha spettanti skond il-ligi, din il-Qorti ma ghandha

l-ebda dubju li s-sentenza mpunjata hija *ben motivata*, kif manifestat iktar 'il fuq.

Illi mill-korp kollu tas-sentenza jidher car ukoll li l-provi gew ezaminati mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kuntest tal-offizi skond il-Ligi Maltija fuq indikati u cjoe' ta' reat kontinwat ta' dhul ta' immigranti illegali u skond id-dispozizzjoni tal-Ligi Maltija, u meta wiehed jezamina s-sentenza fl-interita' taghha, *in verita'* ma jistax ikun hemm konkluzjoni ohra, jew mod iehor *stante* li l-istess Qorti ghamlet riferenza biss ghall-**artikolu 18 tal-Kap 9 u l-artikolu 32 tal-Kap 217** u ghall-ebda artikolu iehor, u kien f'dan il-kuntest uniku li l-istess Qorti ghamlet l-apprezzament taghha.

**(B) L-IMPOSSIBILTA' MIN-NAHA TAD-DIFIZA LI TIKKONTROLLA L-PROVI MIGBURA U L-KONKLUZJONIJIET TAL-QORTI.**

Illi r-rikorrent sostna li ghalkemm il-grad ta' konvinciment li jrid jasal ghalih il-gudikant f'kaz ta' estradizzjoni huwa dak tal-*prima facie,* ir-regoli bazilari procedurali relattivi ghad-dritt tad-difiza li tikkontrolla l-provi billi tikkontro-ezamina x-xhieda u li taccerta ruhha li qed tigi prodotta l-ahjar prova jibqghu applikabbli. Huwa qed ighid li f'dan il-kaz, il-provi kienu fit-totalita' taghhom konsistenti f'*detto del detto*, u fi traskrizzjonijiet mhux awtentikati kif jitlob l**-artikolu 22 (2) (a) Kap. 276** ta' xhieda li ma gewx prodotti f'Malta sabiex jigu kontro-ezaminati mid-difensuri tieghu. Dan apparti l-fatt illi provi relattivi ghall-allegat involviment tar-rikorrent fl-ewwel operazzjoni tat-12 ta' Settembru 2000 huma

totalment inezistenti, bir-rizultat li dan jikkomporta kontra l-kuncett ta' kontinwita' tar-reati allegati.

Illi fis-sentenza **"Fatiha Khallouf vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et"** (fuq imsemmija), il-Qorti qalet li kwantu ghal dak li jirrigwarda r-rekwizit ta' smiegh xieraq hija *ormai* gurisprudenza pacifika li biex jigi determinat jekk f'kaz partikolari kienx hemm jew le dan ir-rekwizit, wiehed ghandu, bhala regola, jezamina l-proceduri fir-rigward tal-kaz partikolari fit-totalita' taghhom (*vide* fost decizjonijiet ohra, **"Dr. Lawrence Pullicino vs Onor.Prim Ministru et"** moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awissu 1998).

Illi fil-ktieb **"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"** ta' ***Van Dijk & Van Hoof*** (Kluwer Law International (The Hague) 1998) jispjegaw hekk:-

*"When is a hearing fair? In the Kraska Case (19/4/93) the Court took as a starting point that the purpose of Article 6 is, inter alia: "… to place the tribunal under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessments of whether they are relevant to its decision." "However, the Commission and the Court have avoided to give an enumeration of criteria in the abstract. In each individual case the course of the proceedings has to be assessed to decide whether the hearing concerned has been a fair one. What counts is the*

*picture which the proceedings as a whole present, although certain aspects per se may already conflict with the principle of a fair hearing in such a way that an opinion can be given about the fairness of the trial irrespective of the further course of the proceedings, e.g., the way in which the evidence is collected during a preliminary hearing. Depending on the stage of the proceedings and its special features, the manner of application of Article 6 may differ." (pp.428-429)."*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ta' **Fatiha Khallouf** qalet :-

*"Fi kliem iehor, ghalkemm wiehed irid ihares lejn il-proceduri fit-totalita' taghhom, certi mankanzi, jew anke aspett partikolari wiehed, jistghu jkunu tant determinanti ghall-ezitu ta' kawza fil-kaz konkret li dawk il-mankanzi flimkien jew dak in-nuqqas wiehed partikolari ikunu / ikun bizzejjed biex qorti tasal ghall-konkluzjoni li ma kienx hemm smiegh xieraq."*

*"Il-ligi taghna ta' l-estradizzjoni – il-Kap. 276 – filwaqt li tekwipara kemm jista' jkun il-Qorti Rimandanti mal-Qorti Istruttorja (ara l-Artikolu 15 (1) tal-imsemmi Kapitolu), tippermetti, bhalma jippermettu l-ligijiet f'diversi gurisdizzjonijiet ohra, li l-provi li jingiebu in sostenn ta' talba ghall-estradizzjoni fi proceduri gudizzjarji jkunu provi fil-forma ta' dokumenti. Infatti fi proceduri ta' estradizzjoni jista' jaghti l-kaz li, ghajr ghar-rapport guramentat tal-ufficjal*

*prosekutur li hu mehtieg biex jigi sodisfatt il-vot ta' l-ewwel parti tas-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 390 tal-Kodici Kriminali, ma jkun hemm anqas xhud wiehed li jixhed viva voce quddiem il-Qorti Rimandanti; il-provi in sostenn tat-talba ghall-estradizzjoni jistghu jkunu kollha fil-forma ta' dokumenti, inkluzi dokumenti li jikkontjenu d-depozizzjonijiet ta' xhieda moghtija barra minn Malta. Infatti s-sub-artikoli (1) u (2) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 276 jipprovdu ghal eccezzjoni ghar-regola li quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali ta' Malta (u ma hemmx dubju li l-Qorti Rimandanti hija tali Qorti, ghalkemm mhix imsejha biex tiggudika dwar xi reat izda biss biex tara jekk hemmx il-presupposti fattwali u formali skond il-ligi sabiex it-talba ta' pajjiz barrani ghat-treggiegh lura lejn dak il-pajjiz ta' persuna partikolari tintlaqa') ix-xhieda jixhdu jew viva voce quddiem il-Qorti li tkun jew, jekk dawna jixhdu barra minn Malta, dan isir wara li tkun giet segwita l-procedura ghall-hrug ta' ittri rogatorjali; kif ukoll ghal eccezzjoni ghar-regola dwar l-ammissibilita' bhala prova tal-kontenut ta' dokumenti ohra. Is-subartikolu (2) in partikolari jispecifika kif tali dokumenti, inkluzi dokumenti li jikkontjenu depozizzjonijiet, ghandhom jigu awtentikati biex ikunu jistghu jigu ammessi bhala prova fi proceduri ta' estradizzjoni. Fin-nuqqas ta' tali awtentikazzjoni tali dokumenti ma humiex ammissibbli bhala prova kemm-il darba ma jkunx hemm xi qbil dwarhom jew accettazzjoni taghhom bhala prova da parti tal-persuna li l-estradizzjoni taghha tkun qed tigi mitluba."*

Illi ghalhekk dwar l-ilmenti tar-rikorrenti jinghad li fl-ewwel lok li quddiem il-Qorti Rimandanti ghalkemm din kellha quddiemha hafna dokumenti mibghuta mill-Gvern Taljan, hija semghet ukoll xhieda *viva voce*. L-allegazzjoni tar-rikorrent ma tirrizultax ghax id-dokumenti jissodisfaw il-vot tal-ligi *ai termini* ta' l-**artikolu 22 ta' l-Att dwar l-Estradizzjoni** *stante* li jew ghandhom it-timbru tal-Ministero di Grazia e Giustizia jew timbru ufficjali iehor.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li fi kwalunkwe kaz dan l-ilment seta' tqajjem facilment quddiem il-Qorti Rimandanti kemm fl-ewwel grad u kemm fit-tieni grad, b'dan ghalhekk li l-istess rikorrenti kellu r-rimedju ghall-allegazzjonijiet u lamentela tieghu quddiem il-Qrati ordinarji, li jidher li bl-ebda mod ma usufruixxa minnhom.

Illi fil-fatt mill-verbali kollha tas-seduti quddiem il-Qorti Rimandanti, fiz-zewg istanzi taghha, ma saret ebda oggezzjoni kwalunkwe ghall-istess xhieda, hija ta' liema natura hija, prodotta mill-intimati odjerni, u ghalhekk ma jistghux llum l-istess rikorrenti jressqu din il-lamentela quddiem din il-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali, u ghalhekk hawn japplika l-*proviso* **tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** li jipprovdi li:-

*"Izda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita' s-setghat taghha skond dan is-sub-artikolu f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa*

*ta' rimedju ghal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra".*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **"Tat-Taljan Co. Ltd. Vs Awtorita' tal-Ippjanar et"** (Q.K. 2 ta' Novembru 2001) *"ghaliex rriteniet li ma kienux ezawriti r-rimedji ordinarji, dan b'mod specjali fejn ikunu gew intavolati proceduri, disponibbli lir-rikorrenti quddiem xi Qorti ohra"*

Illi fil-fatt fl-istess sentenza saret riferenza ghas-segwenti kazistika u cjoe' **"McKay vs Pulizija u Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fis-27 ta' Lulju 1995; **"Domenico Savio Spiteri vs L-Awtorita' ta' L-Ippjanar"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-25 ta' Gunju 1999; **"Edward Zahra vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 1999; **"Paul Camilleri vs Awtorita' tal-Ippjanar"** deciza mill-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fl-4 ta' Dicembru 1998; **"Teddy Rapa vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2000; ma' dawn wiehed jista' jzid diversi ohra fosthom **"Riccardo Zammit vs Awtorita' ta' l-Ippjanar"** deciza mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Mejju 2000; **"Maria Debono vs Kummissarju tal-Pulizija"** (P.A. (K) (GV) 29 ta' Mejju 2002; **"Francis X. Aquilina vs Avukat Generali** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002, fejn giet ikkwotata s-sentenza **"Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister nomine"** deciza mill-Qorti Kostituzzjoni fis-7 ta Marzu 1994 u l-principji hemm enuncjati.

Illi ghal dak li jirrigwarda *"detto del detto"* u t-totali inezistenza tal-provi dwar l-involviment tar-rikorrent fl-operazzjoni tat-12 ta' Settembru 2000 jigi rilevat ghal darba ohra li din il-Qorti m'ghandhiex isservi ta' Qorti ta' *terz' istanza* u kwindi din il-parti tat-talba ghandha tigi michuda.

Illi taht dan it-titlu r-rikorrent sostna wkoll li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali naqset milli taghti gudizzju ragonat *(reasoned judgment)* u spjegazzjoni tal-kriterji li wassluha biex tikkonkludi favur il-*prima facie*. Huwa ssottometta illi fl-ebda parti tas-sentenza taghha ma tat l-ebda indikazzjoni dwar x'kienu l-provi li wassluha ghall-konkluzjoni taghha. Ikompli ghalhekk l-istess rikorrenti jghid li kwindi hu mpossibbli li jigi stabbilit x'kien fl-opinjoni ta' dik il-Qorti li seta' kkorrobora l-istqarrijiet ta' Giuseppe Magnani. Dan in-nuqqas li taghti gudizzju ragjonat u spjegazzjoni tal-kriterji li wassluha biex tikkonkludi favur il-*prima facie* fih innifsu jivvjola l-principji tal-gustizzja naturali fl-ambitu ta' smiegh xieraq. L-intimati min-naha taghhom sostnew li l-infondatezza ta' din l-allegazzjoni tirrizulta *ictu okuli* mis-sentenza.

Illi fir-rigward ta' dan il-principju, fis-sentenza **"Joseph Mifsud et noe vs Emanuel Mangion"** (P.A. l-1 ta' Gunju 1988 - Vol.LXXII.ii.273) intqal is-segwenti :-

*"Illi skond l-artikolu 216 (illum 218) tal-Kap. 12 fuq imsemmi, fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-*

*ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha. Din il-kwistjoni gja' giet deciza minn din il-Qorti f'diversi okkazjonijiet."*

Imbaghad fis-sentenza **"John Mallia vs Manager Water Works Department"** (A.C. 7 ta' Ottubru 1991 - Vol.LXXV.ii.446) , il-Qorti meta kienet qed tiddiskuti dwar l-**artikolu 218 tal-Kap.12** qalet li :-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu din il-Qorti dejjem qaghdet attenta biex kemm jista' jkun issalva l-atti meta mill-korp tas-sentenza wiehed almenu jifhem x'inhu l-mertu tal-kaz u x'inhi l-bazi tas-sentenza. Fi kliem iehor din il-Qorti dejjem ippruvat issalva sentenza purche' din ikollha dik l-awtonomija necessarja biex wiehed jifhem ezattament x'gie milqugh u x'gie michud u ghaliex;"*

Illi mbaghad l-istess Qorti kompliet hekk:-

*"Din il-Qorti ma tistax taccetta li sentenza ta' dawn il-Qrati tkun skarna ……., u l-fatt li l-ligi halliet f'idejn il-gudikant f'certu sens biex jara hu x'hemm bzonn jissemma fis-sentenza biex din tkun awtonoma u tiftiehem ma jfissirx li dak li jidhirlu l-gudikant huwa necessarjament tajjeb. It-test finalment huwa wiehed oggettiv…"*

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"John Abela et noe vs John Cassar"** (18 ta' Mejju 1994, - Vol.LXXVIII.ii.150) intqal :-

*"Din il-Qorti tirribadixxi li meta l-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12) jirrikjedi, inter alia, ghall-validita' ta' sentenza, li tinghata l-motivazzjoni, qieghed japplika ghal ligi pozittiva principju li hu sinonimu mal-kuncett ta' gustizzja. Infatti m'hemmx bzonn jigi spjegat li sentenza li sempliciment tiddeciedi l-vertenza minghajr ma tispjega fuq liema bazi ntlahqet hija affront ghal kull sens ta' gustizzja."*

*"…. il-ligi tirrikjedi li s-sentenza stess ikun fiha motivazzjoni u hu appena superfluwu jinghad li din il-motivazzjoni trid tkun manifesta cjoe' li wiehed jifhimha mill-korp stess tas-sentenza li wara kollox hija l-istrument li ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet."*

Illi minn dawn is-sentenzi jirrizulta b'mod car li dan il-principju li sentenza trid tkun motivata huwa ben applikat fil-gurisprudenza taghna civili. Kwindi kemm huwa aktar importanti li jigi applikat f'kazijiet li huma ferm delikati bhal ma huma kazijiet fejn il-Qorti tkun qed tiddeciedi dwar l-estradizzjoni *o meno* ta' individwu bhal ma kien il-kaz tar-rikorrent.

Illi hawnhekk issir referenza ghal diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Ewropea fejn ukoll gie enuncjat dan il-principju. Hekk fil-kaz ta' **"Hadjianastassiou v. Greece"** (E.C.H.R. – 16/12/1992) intqal:-

*"The Contracting States enjoy considerable freedom in the choice of the appropriate means to ensure that their judicial systems comply with the requirements of Article 6. The national courts must, however, indicate with sufficient clarity the grounds on which they based their decision. It is this, inter alia, which makes it possible for the accused to exercise usefully the rights of appeal available to him. The Court's task is to consider whether the method adopted in this respect has led in a given case to results which are compatible with the Convention …"*

Illi l-istess fil-kaz **"Van De Hurk v. The Netherlands"** (E.C.H.R. –19 ta' April 1994):-

*"The effect of Article 6(1) is, inter alia, to place the 'tribunal' under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties, without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision (see the Kraska v.Switzerland judgement of 19th April 1993). It has to be determined whether this condition was satisfied in the instant case."*

*"Article 6 (1) obliges courts to give reasons for their decisions but cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument. Nor is the European Court called upon to examine whether arguments are adequately met."*

Illi fil-kaz **"Ruiz Torija vs Spain"** (E.C.H.R. – 9th December 1994) il-Qorti tal-*Prim' Istanza* Spanjola ma kenitx ezaminat l-eccezzjoni li l-azzjoni kienet preskritta. Fl-

Appell, l-*Audiencia Provincial* ta' Madrid iddecidiet minghajr ma tikkunsidra din il-kwistjoni. Huwa appella quddiem it-*Tribunal Constitucional* imma l-applikazzjoni giet dikjarat inammissibbli. B'hekk mar quddiem il-Qorti Ewropea u sostna li tali nuqqas kien jivvjola l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni. Il-Kummissjoni accettat dan il-punt u qalet li s-silenzju tal-*Audiencia Provincial "in this matter could give rise to doubts as to the scope of the examination conducted by the appellate court."*

*"The court reiterates that Article 6 (1) obliges the courts to give reasons for their judgments, but cannot be understood as requiring a detailed answer to every argument (see the Van de Hurk v. the Netherlands jdgt of 19/4/1994). The extent to which this duty to give reasons applies may vary according to the nature of the decision. It is moreover necessary to take into account, inter alia, the diversity of the submissions that a litigant may bring before the courts and the difference existing in the Contracting States with regard to statutory provisions, customary rules, legal opinion and the presentation and drafting of judgments. That is why the question whether a court has failed to fulfil the obligation to state reasons, deriving from Article 6 of the Convention, can only be determined in the light of the circumstances of the case."*

Illi l-Qorti Ewropea kompliet tghid is-segwenti :-

*"Moreover, the Court is not persuaded by the Government's argument that the submission based on*

*limitation was so clearly unfounded that it was unnecessary for the appeal court to refer to it. The fact that the first instance court allowed evidence to be adduced in support of this submission suggests the contrary. Accordingly, since the issue of limitation would have been decisive in this instance, the Audencia Provincial should addressed the submission in its judgment."*

*"It is therefore necessary to establish whether in the present case the silence of the appeal court can reasonably be construed as an implied rejection ….., it is important to ascertain whether the Audiencia Provincial simply neglected to deal with the submission that the action was out of time or whether it intended to dismiss it and, if that were its intention, what its reasons were for so deciding. There has therefore been a violation of Article 6(1)."*

Illi dan irid jigi kkunsidrat f'dak li hija l-funzjoni tal-Qorti Rimandanti fis-sentenza li qed tigi mpunjata li jikkonsisti skond id-decizjoni f' **"Il-Pulizija (Spetturi Neville Aquilina u Neville Xuereb) vs Ronald Agius"** (M. (NC) l-1 ta' Gunju 2001) li jsiru l-accertament abbazi **tal-artikolu 15 tal-Kap 276**. Dan l-artikolu jistipula li l-Qorti Rimandanti ghandha jkollha l-istess funzjonijiet tal-Qorti Istruttorja u, *"sa fejn jista' jkun"*, l-istess poteri. Minn dan johrog car li din il-Qorti ghandha tezercita l-funzjoni bazika li tisma' u tigbor il-provi kollha li jressqu l-partijiet, u fl-gheluq tal-kumpilazzjoni tal-provi tiddeciedi, wara li tkun iddeterminat jekk l-akkuzi humiex bazati fuq reati ta' estradizzjoni,

tiddeciedi ulterjorment jekk *"il-provi (humiex) bizzejjed sabiex jiggustifika li dik il-persuna tghaddi proceduri dwar dak ir-reat li kieku kien sar fil-gurisdizzjoni tal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali ta' Malta." (Art.15 (3) (a) Kap. 276).*

Illi dik il-Qorti imbaghad kompliet:-

*"In propositu ghall-grad ta' prova mehtiega sabiex il-Qorti Rimandanti tasal ghad-decizjoni taghha jigi osservat li "Huwa pacifiku fil-gurisprudenza li l-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Rimandanti dwar jekk ghandhiex jew le tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni, ghandu jkun identiku ghall-kriterju dwar is-sufficjenza tal-provi ghall-fini tad-decizjoni mill-Qorti Istruttorja dwar jekk ikunx hemm jew le ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza".*

*"Fil-kaz li l-Qorti ssib l-provi prima facie jindikaw il-probabilita' tal-htija jew anke jekk ikollha dubbju f'dan ir-rigward, hija ghandha tibghat lill-persuna ghall-estradizzjoni. Il-Qorti Rimandanti ma ghandhiex tuzurpa l-funzjoni tal-gudikant; m'ghandhiex tikkunsidra l-preponderenza tal-provi". (App.Krim. **"Il-Pulizija vs Anthony Satariano"** (VCC) 16.11.1997)".*

*"Fil-kawza **"Pulizija vs Alfred John Gaul"** (Qorti tal-Magistrati 16.7.1981) gie osservat li 'If on the other hand upon evaluating the evidence adduced the court is of the opinion that such evidence on the face of it does not reasonably point to **the possibility of guilt** then the court must discharge the defendant. Any doubts however as to*

*such possibility of guilt must not be ruled upon by this Court which would therefore be bound to commit."(enfasi u sottolinear ta' dik il-Qorti).*

*In konkluzjoni fuq dan il-punt il-Qorti tosserva li mill-gurisprudenza lokali jidher illi jezisti cursus curiae fis-sens illi l-principju ghandu jigi wzat huwa fuq il-livell ta' ezami ta' possibilta' sa massimu ta' probabilita'***.** *Pero' dejjem fuq bazi prima facie minghajr ma tigi determinata l-kwistjoni dwar il-kolpevolezza o meno tal-persuna mressqa. (vide Appelli Kriminali –* ***"Pul. vs Stefano Mirabella"*** *13.1.1971;* ***"Pul. vs Anthony Roberts"*** *16.12.1976;* ***"Pul. vs Raymond Magri"*** *17.2. 1984;* ***"Pul. vs Edwar Cassar et"*** *26.6.1986;* ***"Pul. vs Raymond Brincat"*** *9.12.1987;* ***"Pul.vs Joseph Lebrun"*** *5.10.1997;* ***"Pul. s. Nicholas Ellul"*** *22.3.1991)*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern u wara li l-Qorti rat l-istess sentenza jirrizulta b'mod car li l-Qorti tal-Appell Kriminali tat ir-ragunijiet u motivazzjoni taghha ghaliex waslet biex tikkonkludi li *prima facie* kien hemm bizzejjed provi biex ir-rikorrent jitpogga taht kustodja ghat-treggiegh lura lejn l-Italja. Il-Qorti fil-fatt qalet hekk:

*"Issa, kif gja' ntqal, minn ezami tal-provi kollha fit-totalita' taghhom, apparti dak kollu li seta' qal l-ispettur Giuseppe Magnani, jidher fuq bazi ta' prima facie li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-appellati jintbaghtu taht kustodja ghall-fini tat-treggiegh lura taghhom lejn il-pajjiz rikjedent…"*

Illi b'dan il-mod l-istess Qorti *ai termini* tal-ligi vigenti tat il-motivazzjoni taghha fil-limiti ta' dak li huwa impost fuqha skond il-**Kap 276,** u dwar dan il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad aktar 'il fuq dwar il-motivazzjoni tas-sentenza, u l-istess japplika *mutadis mutandis* ghal din il-parti tas-sentenza.

**(c) NUQQAS TA' MPARZJALITA' TAL-QORTI FID-DETERMINAZZJONI TAL-BONA FIDES TA' L-AWTORITAJIET KKONCERNATI.**

Illi r-rikorrent qal li d-difensuri tieghu ssottomettew a bazi ta' l-**artikolu 20 (c ), Kap. 276** illi l-akkuzi migjuba kontrih ma kienux saru in bona fede fl-interess tal-gustizzja.

Illli dwar din is-sottomissjoni il-Qorti tal-Appell Kriminali kkunsidrat:-

*"Issa, apparti li xejn ma hu accettabbli li jsiru allegazzjonijiet infindati w bla bazi da parti ta' dan l-appellat fis-sens li kienet saret xi haga kontrih "in mala fede", il-Qorti tara li f'din is-sottomissjoni tieghu l-appellat Bartolo mhux korrett."*

Illi huwa minnu li l-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet mill-ewwel tali lamentela tar-rikorrenti dwar l-allegata nuqqas ta' *bona fede* ta' l-Awtoritajiet koncernati, izda madankollu dan ma jammontax ghal nuqqas ta' mparzjalita', izda kif jidher car mis-sentenza dan huwa bbazat fuq il-motivazzjoni moghtija mill-istess Qorti fis-sentenza taghha, li ma kien ebda prova ta' dan mill-atti proceswali esebiti,

anzi mill-istess atti jidher li kollox sar skond ligi Taljana, ghal dak li jirrigwarda il-pajjiz rikjedenti, u skond il-ligi Maltija ghal dak li jikkoncerna l-proceduri quddiem il-Qrati nostrali.

Illi fil-fatt mill-provi ghad-dispozizzjoni quddiem dik il-Qorti ma kien hemm assolutament ebda prova li timplika b'mod minimu xi *mala fede da parte* tal-Awtoritajiet Maltin, u fil-fatt il-proceduri quddiem il-Qrati tmexxew b'mod normali, tant li l-istess rikorrenti ma gab ebda lmenti dwar l-istess, hlief f'dan l-istadju; tant ma kienx hemm provi fuq dan l-allegat element ta' nuqqas ta' *bona fede*, li l-provi migjuba quddiem din il-Qorti kienu kwazi mmirati kollha sabiex l-istess rikorrenti jipprovaw jaghtu sostanza li din l-allegazzjoni taghhom issa f'dan il-*forum*.

Illi sabiex japplikaw id-dispozizzjoni tal-**artikolu 20 (c) tal-Kap 276,** ir-rikorrenti ghandu fuqu l-oneru tal-prova li l-akkuzi li gew migjuba kontra tieghu gew maghmula *in mala fede* u ghalhekk mhux fl-interess tal-gustizzja, u dan l-istess rikorrenti ma irnexxielux jipprovah.

Illi l-fatt li il-Pulizija Maltija ma agixxietx kriminalment kontra r-rikorrenti skond il-ligi Maltija u fi Qrati Maltin certament ma jfissirx li l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrenti mill-Awtoritajiet Taljani saru *in mala fede*, tant li fil-fatt jidher li l-istess Awtoritijiet Taljani rrikorrew ghall-proceduri gudizzjarji taghhom anke ghall gbir tal-istess provi, u kollox sar taht din it-tutela ta' procedimenti gudizzjarji.

Il-fatt li hemm dispropozjonalita' fil-piena mposta fuq l-istess reati f'Malta u fl-Italja, lanqas jistghu jwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonstata u tiddeciedi li kien hemm xi *mala fede* fl-akkuzi proposti kontra l-istess rikorrenti, ghaliex il-kuncett ta' *mala fede* jimplika li b'xi mod xi persuna jew f'dan il-kaz awtorita' ghamlet jew kkomettiet xi haga hazina jew mhux lecita sabiex l-istess rikorrenti jkun jista' jigi estradit jew kien hemm xi abbuz bil-mod kif gew redatti, kompilati jew formulati l-istess akkuzi fil-konfront tar-rikorrenti, haga li hija assulutament mankanti fi prova f'dawn il-proceduri u fil-proceduri kollha in konnessjoni mal-istess kaz.

Illi l-fatt li r-rikorrenti gie akkuzat b'reat wiehed kontinwat huwa bbazat ukoll fuq il-provi prodotti u fuq in-natura tar-reati allegati skond il-ligi Taljana u skond il-Ligi Maltija, u fil-fatt il-Qrati Taljani ddentifikaw l-istess dispozizjonijiet tal-Ligi relattivi skond l-ordinament guridiku taghhom, fil-waqt li l-Awtoritajiet Maltin u l-Qrati Maltin indikaw l-artikoli relattivi skond l-ordinament guridiku Malti, u dan skond id-*double criminality rule* applikabbli f'dawn il-kazi.

Illi ghalhekk anke dan l-ilment qed jigi rigettat, anke ghaliex ma ngabet ebda prova sostanzjali ta' dan, u dan tenut kont tal-fatt li li l-akkuza li l-Istat Rikjedenti agixxa *in mala fede "is a very serious statement to put forward, and one which ought not to be put forward except on very strong grounds"* (**"The Law of Extradition in the United Kingdom" –** Michael Forde pg. 127).

## (d) DWAR L-INVOLVIMENT TAL-QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI FIR-REVOKA TAL-HELSIEN MILL-ARREST TAR-RIKORRENT.

Illi skond ir-rikorrent huwa principju sanzjonat sija fid-Dritt Kostituzzjonali u sija mill-Qorti tad-Drittijiet tal-Bniedem illi Qorti li tkun involuta fid-determinazzjoni tal-helsien mill-arrest ta' bniedem akkuzat m'ghandhiex tkun involuta fid-determinazzjoni tal-htija tieghu. Huwa qal li l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fir-revoka tal-helsien mill-arrest tar-rikorrent (fid-Digriet tat-13 ta' Awissu 2001), sija in kwantu jikkoncernaw il-provi fuq bazi *prima facie,* sija in kwantu kienu bilfors u necessarjament jikkoncernaw il-kredibilta' tar-rikorrent. Dawn naqsu mill-objettivita' u l-imparzjalita' ta' l-istess Qorti fil-kors tal-proceduri principali u fid-determinazzjoni tal-htija fuq bazi *prima facie.*

Illi l-intimati gustament rrispondew li mhux minnu li hemm dan il-principju sanzjonat; u li *inoltre* il-Qorti Rimandanti b'ebda mod ma hi nvoluta fid-determinazzjoni tal-htija. *Di fatti* l-kredibilta' *o meno* ta' xhud mhix konsiderazzjoni valida ghall-finijiet tal-apprezzament *prima facie* u huma rimessi ghall-gudizzju fil-mertu.

Illi fil-kaz **"Dr.Lawrence Pullicino vs Onor.Prim Ministru et"** (Q.Kost. 18 ta' Awissu 1998) intqal:-

*"…., l-invoviment guridiku ta' l-Imhallef hija soggettivament u oggettivament aktar ippronunzjata meta Imhallef jiddeciedi li jaghti l-liberta' provizorja …, minn meta jiddeciedi li l-kundizzjonijiet imposti fit-tgawdija ta' dik il-*

*liberta' gew miksura. Il-process mentali deliberattiv huwa ferm aktar oggettivament involut fl-ewwel kaz milli fit-tieni, fejn fl-ewwel kaz, anke jekk b'mod prima facie, l-Imhallef irid ihares mhux biss lejn is-serjeta' ta' l-offiza, il-possibilta' li jerga' jigi kommess reat u l-inkinament tal-provi, izda wkoll lejn il-possibilta' li l-akkuzat kien verament involut fil-fatti kriminuzi b'mod tali li dan kellu jiggustifika c-cahda provizorja tal-liberta' personali tieghu. Il-fatt jekk gewx jew le infatti l-kundizzjonijiet imposti ghal dik il-liberta' provizorja jinvolvi process mentali ta' grad ferm aktar oggettiv milli soggettiv li hu ghalhekk ferm anqas sospett fir-rigward ta' l-imparzjalita' tal-gudikant meta finalment jigi biex jiggudika l-mertu."*

Illi mbaghad l-istess Qorti kompliet:

*"Is-sitwazzjoni fejn l-istess Imhallef ikun ha decizjonijiet pre-processwali mbaghad jikkunsidra l-kaz fuq il-meritu giet ikkunsidrata f'diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea. Fl-ewwel kaz ta' rilevanza* ***"De Cubber vs Belgium"*** *(26 ta' Ottubru 1984), il-Qorti kkunsidrat li kien hemm ksur ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Kif pero' jsostnu l-awturi Jacobs and White- European Convention on Human Rights (2nd Edition, pagna 140);*

*"The structural independence emphasised in De Cubber is being eroded. In Northier there was seen to be no difficulty in a juvenile judge being involved as investigating judge, review judge and trial judge in the same case."*

*Il-principju ta' De Cubber pero' kienu diga' bdew jinbidlu mal-kaz* ***"Hauschildt vs Denmark"*** *(25 ta' Mejju 1986), f'liema kaz tidher li bdiet issir id-distinzjoni bejn dawk il-kazijiet fejn l-Imhallef ikun biss pre-trial judge u kazijiet ohra fejn jippartecipa attivament fl-investigazzjoni. Hekk jghidu* ***Janis, Kay u Bradley fil-ktieb European Human Rights Law*** *fejn jitkellmu fuq The Impartial Tribunal (pagna 406) (Clarendon Press-Oxford 1995) :*

*"In late cases the Court has further developed a framework for dealing with these questions. In* ***"Hauschildt vs Denmark"*** *it held that the mere fact that the Danish Judge had made a preliminary decision in a criminal case, including decisions on the custody of the accused, did not, under article 6, prevent such a judge from presiding at the trial. In Denmark, unlike Belgium, there is no investigating judge. Investigation and prosecution are conducted entirely by police and prosecutors. The pre-trial judge merely decides if sufficient evidence has been produced to justify detention. Ordinarily this would not give rise to the same apprehension as those held by the application in De Cubber."*

*Fir-rigward tal-Magistrat Inkwirenti u kif jopera dan fis-sistema legali taghna, dan il-punt qam fil-kawza kostituzzjonali* ***"Sant vs Kummissarju tal-Pulizija"*** *(deciza fit-2 ta' Mejju, 1990). Dan pero' mhuwiex il-punt involut f'din il-kawza fejn l-Imhallef li ppresjeda l-guri m'ghandu ebda funzjoni ta' investigatur. Il-principji enunzjati fil-kaz Hauschildt gew segwiti* ***"Saint Marie vs***

***France"*** *(16 ta' Dicembru, 1992), fejn l-istess principji gew ribaduti illi s-semplici fatt li l-Imhallef ikun gja' ha decizjonijiet preliminari inkluzi decizjonijiet dwar il-liberta' provizorja ta' l-imputat ma kellhiex taffettwa l-imparzjalita' oggettiva ta' l-Imhallef, hlief bhal kaz ta' Hauschildt fejn kien hemm cirkostanzi specjali (u dana ghax f'dak il-kaz "the challenged judge had made repeated rulings under a particular section of the Administration of Justice Act which required proof of a particularly confirmed suspicion" (mill-istess atturi u cjoe'* ***Janis, Kay u Bradley – European Human Rights Law****, pagna 406);*

*"Hekk ukoll gie ritenut fil-kaz* ***"Fej vs Austria",*** *deciza fl-24 ta' Frar, 1993 :*

*"Having regard to the extent and nature of the pre-trial measures issue the Court did not find that the applicant's fears as to the Judges' impartiality were objectively justified";*

*"Fejn taht il-kriterju oggettiv ta' l-imparzjalita' tal-gudikant gie ritenut illi l-fatt li l-Imhallef ha certa decizjonijiet preliminari li ma kinux sufficjenti biex jaffettwaw dan il-kriterju ta' l-imparzjalita'. Ghalkemm il-punti legali ma kenux ghal kollox simili, l-istess principji pero', gew ikkonfermati fil-kaz* ***"Padovani vs Italy",*** *deciza 26 ta' Frar,1993" ;*

*"As to the objective test, the applicant's fear of lack of impartiality, based on the measures taken by the*

*Magistrate before the trial, could not be regarded as objectively justified";*

*"L-istess principji gew enunzjati fil-kaz* ***"Sairava de Carvalho",*** *deciza fl-24 ta' April, 1994;*

*Fil-konkluzjoni, u in konnessjoni ma' dan l-aggravju, din il-Qorti tixtieq taghmel referenza ghall-kaz* ***Stanford vs The United Kingdom*** *(deciza mill-Qorti Ewropea fit-23 ta' Frar 1994) fejn gie ritenut :*

*"… in the present case, neither the applicant nor the legal representatives sought to bring his hearing difficulties to the attention of the trial judge at any stage throughout the six-day hearing. Counsel, who had lengthy experience in handling criminal cases, chose for tactical reasons to remain silent about the difficulties and there was nothing to indicate that the applicant disagreed with this decision;*

*Forsi f'dan il-kaz il-Qrati taghna marru ferm oltre dan il-principju, ghax dan l-aggravju u aggravji ohra ta' l-appellant gew ikkunsidrati mill-Qorti ta' L-Appell Kriminali minkejja dak deciz fil-kaz Stanford:*

*"In addition the Court of Appeal could not reasonably have been expected in the circumstances to correct an alleged shortcoming in the trial proceedings which had not been raised before the trial judge"*

Il-kaz odjern jaqa' proprju taht it-tieni kaz rreferut fis-sentenza surriferita. Kwindi a bazi ta' dan kollu din it-talba

hija michuda u dan apparti li l-istess rikorrenti seta' facilment ressaq dan l-ilment quddiem il-Qorti tal-Appell, u ghalhekk anke f'dan il-kaz japplika l-**proviso tal-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4 tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea,** u ghalhekk huwa kaz fejn il-Qorti tiddeklina wkoll milli tezercita il-gurisdizzjoni taghha *stante* li r-rikorrenti kellhu wkoll il-mezzi disponibbli ghal tali allegazzjoni minnu vantata.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel, it-tieni, u r-raba' eccezzjonijiet tal-intimati, u fil-waqt li tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess intimati kontenuti fir-risposta taghhom tad-9 ta' Ottubru 2001, **tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti skond ir-rikors taghhom tat-3 ta' Ottubru 2001** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**